# MIŻURI TA' SIMPLIFIKAZZJONI 2018



UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

# **MIŻURI TA' SIMPLIFIKAZZJONI** 2018

Mejju 2019

Ippubblikat
mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
L-Uffiċċju tal-Prim Ministru
Il-Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta VLT 1061

Tel.: (+356) 2200 0000
Sit elettroniku: http://www.opm.gov.mt

**Cataloguing-in-Publication Data**
Malta. Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Miżuri ta' Simplifikazzjoni, 2018
Valletta: Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, 2019
29.7, 21 cm

ISBN: 978-99957-1-491-8

Din il-pubblikazzjoni tista' tinxtara mid-
Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja,
Il-Belt Valletta

Tel.: (+356) 2125 0550

Mitbugħ: Stamperija tal-Gvern
Prezz: €4.00

| | |
|---|---|
| OPM | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| MFH | Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa |
| MEIB | Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji Żgħar |
| MEDE | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol |
| MEW | Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma |
| MEAE | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza |
| MFIN | Ministeru għall-Finanzi |
| MOT | Ministeru għat-Turiżmu |
| MHAS | Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali |
| MJCL | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali |
| MESDC | Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima |
| MFTP | Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ |
| MTIP | Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali |
| MGOZ | Ministeru għal Għawdex |
| MFCS | Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali |

DAĦLA

Din il-pubblikazzjoni timmarka l-ħames sena konsekuttiva li fiha s-Servizz Pubbliku qed jagħti rendikont ta' ħidmietu f'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri ta' simplifikazzjoni mwettqa, din id-darba fl-2018. L-ippjanar u t-twettiq ta' dawn il-miżuri flimkien ma' proġetti oħra elenkati f'din il-pubblikazzjoni, fosthom il-key performance indicators (KPIs), komplew jibnu fuq dak miksub minn din l-amministrazzjoni fis-snin preċedenti.

Għal darba oħra din is-sena, is-Servizz Pubbliku żamm mar-rata medja ta' implimentazzjoni stabbilita matul iż-żmien u implimenta 77% tal-miżuri ppjanati għall-2018. Dan filwaqt li kompliet il-ħidma sabiex jiġu implimentati miżuri pendenti minn snin preċedenti.

Is-Servizz Pubbliku għaraf li jkompli jiġġedded sabiex jibqa' validu għaż-żminijiet tal-lum, joffri servizz ta' kwalità lill-klijenti tiegħu kif ukoll jilħaq l-aspettativi mistennija minnu. Niftakru fiż-żmien meta s-Servizz Pubbliku kien issue diskussa fuq bażi nazzjonali. Illum, is-Servizz Pubbliku jgwadi l-fiduċja tal-klijenti tiegħu u jirbaħ l-awards! Dan kollu frott tal-ħidma sfiqa fid-diversi oqsma tal-amministrazzjoni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' simplifikazzjoni.

L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri wasslet biex is-Servizz Pubbliku jingħata rikonoxximent ta' ħidmietu anke f'fora internazzjonali. Fl-2018 is-Servizz Pubbliku kiseb diversi suċċessi oħra fosthom:

- L-ewwel minn fost il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea fl-eGovernment, f'erba' oqsma ta' prijorità: (i) user centricity (ii) trasparenza (iii) aċċessibilità, u (iv) infrastruttura teknoloġika;
- servizz.gov finalist fl-MCA eBusiness Awards għall-2017 għall-aqwa inizjattiva ta' eGovernment li fil-fehma tal-ġurija tuża teknoloġija tal-informatika u l-komunikazzjoni bl-aħjar mod biex ittejjeb l-interazzjoni bejn il-Gvern u l-klijenti tiegħu;
- servizz.gov innominat ukoll għall-aħjar soluzzjoni diġitali nazzjonali dinjija fl-International Summit Awards, biex jikkompeti ma' 180 pajjiż differenti bħala turija ta' best practice;
- servizz.gov, din id-darba permezz ta' Business 1st, rebbieħ fl-ewwel post għall-aqwa inizjattiva li tħaffef u tissimplifika l-proċessi mmirati lejn in-negozji u l-intrapriżi żgħar;

Iżda mhux biss. Fl-2018 is-Servizz Pubbliku kompla jiġġedded permezz tat-tnedija ta' aktar servizzi governattivi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl. Kompliet il-ħidma biex jinqaleb il-formolarju tal-Gvern minn verżjoni pdf għal eform. B'hekk, tingħata aktar flessibilità lill-klijenti tas-Servizz Pubbliku biex jiksbu servizz mill-kumdità ta' darhom. Kompliet ukoll il-ħidma fit-twettiq ta' KPIs li wasslu għall-ftuħ tal-ewwel tliet one-stop-shops speċjalizzati ta' servizz.gov: edu servizz.gov li qed joffri servizzi governattivi marbuta mal-qasam tal-edukazzjoni, Ċentru Servizz Familja servizz.gov li joffri servizzi marbuta mal-qasam soċjali, u Taxpayer Service servizz.gov li joffri servizzi speċjalizzati dwar tassazzjoni.

L-ippjanar u t-twettiq ta' miżuri ta' simplifikazzjoni għenu lis-Servizz Pubbliku fl-ewwel passi tiegħu lejn it-tiġdid. Issa jmiss li nkomplu nkattru fuq dak li ksibna f'dawn l-aħħar snin u nkomplu niġġeddu. Din id-darba permezz ta' viżjoni ċara 'l quddiem f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' servizzi diġitali governattivi u l-introduzzjoni tal-Once Only Principle, li permezz tiegħu persuna tagħti t-tagħrif tagħha darba u mhux kull darba li taċċessa servizzi governattivi. Għalhekk il-ħtieġa li nkomplu ninvestu fil-qasam tat-teknoloġija b'investiment li hu l-ewwel tax-xorta tiegħu f'dawn l-aħħar snin u li jlaħħaq għal madwar 40 miljun ewro permezz tal-programm Converge. Fil-qasam diġitali ser niżnu wkoll l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fis-servizzi li nagħtu u l-effetti li din iġġib magħha fil-ħidma tas-Servizz Pubbliku.

Fl-2019 ser naraw ukoll għall-ewwel darba l-introduzzjoni tal-Quality Label, li tingħata lid-dipartimenti governattivi wara proċess elaborat ta' simplifikazzjoni, assessjar tal-proċeduri, mystery shopper, attitude survey mal-ħaddiema, l-introduzzjoni ta' Quality Service Charters kif ukoll rinovar intern, fost l-oħrajn. Din tingħata għal perjodu stabbilit u trid tiġi sostnuta sabiex tiġġedded. B'hekk inkunu qed nagħtu rikonoxximent lid-dipartimenti rispettivi li jimmarka l-kwalità fis-servizz mogħti, imsejjes fuq l-erba' pilastri li jiddefinixxu l-kwalità fis-Servizz Pubbliku: il-vuċi, id-disinn, il-pakkett u l-kontabilità.

Din il-ħidma, kemm dik miksuba u dik ippjanata, hija xhieda ta' kontabilità, trasparenza u governanza tajba. Nafu fejn irridu mmorru u l-miri li rridu nilħqu. Għalhekk il-ħtieġa li nkomplu ninvestu fl-infrastruttura teknoloġika li ssostni l-operat kif ukoll fir-riżorsi umani għal servizz ta' eċċellenza.

**MARIO CUTAJAR**
Segretarju Permanenti Ewlieni

servizz.gov

L-ikbar miżura ta' simplifikazzjoni tul dawn l-aħħar snin kienet bla dubju t-twaqqif ta' servizz.gov u l-mod kif is-servizzi governattivi jinsabu eqreb minn qatt qabel taċ-ċittadin.

Permezz ta' servizz.gov, iċ-ċentri reġjonali tiegħu, iċ-ċentri speċjalizzati, il-Freephone 153, maltapps u l-e-mail servizz@gov.mt, iċ-ċittadin qed jinqeda b'iktar kumdità, effiċjenza u konvenjenza.

Spiċċa ż-żmien li wieħed iterraq minn dipartiment għal ieħor fil-Belt Valletta biex jinqeda. Persuna kulma trid tagħmel hu li tagħżel il-mod l-iktar konvenjenti għaliha li permezz tiegħu tixtieq tirċievi servizz governattiv, u tinqeda. Sar daqshekk faċli biex tikkomunika mas-Servizz Pubbliku.

F'inqas minn erba' snin, servizz.gov fetaħ ħames ċentri reġjonali biex ikun hu li joffri s-servizz liċ-ċittadin u mhux iċ-ċittadin jiġri minn naħa għal oħra biex jirċievi servizz. Il-ħames ċentri jinsabu f'Birkirkara, il-Birgu, Ħal Qormi, il-Qawra u Raħal Ġdid. Dawn huma miftuħin f'ħinijiet l-iktar konvenjenti għaċ-ċittadin, inkluż is-Sibt filgħodu u l-Erbgħa filgħaxija. Fl-2018, iċ-ċentri reġjonali offrew servizz lil madwar 43,000 klijent, filwaqt li l-Freephone 153 irċieva 'l fuq minn 600,000 telefonata.

Il-pjan ta' servizz.gov huwa li jiftaħ aktar ċentri reġjonali biex aktar persuni jinqdew mill-komunità fejn jgħixu, mingħajr l-iskariġġ li joqogħdu jidħlu l-Belt Valletta biex jinqdew. Aktar ċentri ċertament li se jkunu qed jakkomodaw iktar persuni li jippreferu servizz wiċċ imb wiċċ. Għal min imbagħad jippreferi servizz onlajn, dan jista' jsir permezz tas-sit elettroniku www.servizz.gov.mt. Hemmhekk wieħed isib 'il fuq minn 1,200 servizz, ilkoll bl-applikazzjoni rispettiva tagħhom. Apparti l-applikazzjoni, wieħed isib informazzjoni dwar is-servizz innifsu u t-tip ta' servizz li se jieħu lura. F'dan is-sit, persuna tista' saħansitra tilloggja bl-e-ID tagħha li wkoll ġie simplifikat il-proċess tiegħu. Il-pass li jmiss għal servizz.gov issa huwa li meta wieħed jilloggja bl-e-ID ikun jista' jara fiex waslu l-applikazzjonijiet pendenti tiegħu. B'hekk inkunu nistgħu nassiguraw trasparenza fl-għoti ta' servizz t'eċċellenza.

servizz.gov ħaseb ukoll f'dawk li huma iktar inklinati lejn it-teknoloġija u li jippreferu jużaw mobile service biex jirċievu servizz governattiv. S'issa, permezz tal-app maltapps, persuna diġà għandha 'l fuq minn 70 mservice għad-dispożizzjoni tagħha. U fiż-żmien li ġej, bil-għan li s-servizzi governattivi jkunu disponibbli għal kulħadd, kullimkien, 24 siegħa kuljum, se jitnedew aktar mservices.

Mat-tnedija ta' aktar mservices tidħol il-ħtieġa li aktar persuni jagħmlu użu minn dawn is-servizzi. Għaldaqstant il-ħidma ta' servizz.gov se tkun iffukata biex aktar persuni jaċċessaw servizzi governattivi minn fuq il-mowbajl.

Din is-sena, servizz.gov introduċa kunċett ġdid: dak ta' ċentri speċjalizzati. Meta mqabbla maċ-ċentri reġjonali, iċ-ċentri speċjalizzati qegħdin joffru iktar kumdità fl-għoti tas-servizz f'qasam partikolari. F'Jannar tnieda ċ-ċentru speċjalizzat tal-edukazzjoni bl-isem ta' edu servizz.gov u xahrejn wara tnieda ċentru speċjalizzat ieħor, tal-familja, bl-isem ta' Ċentru Servizz Familja servizz.gov. U dan ix-xahar tnieda wkoll iċ-ċentru speċjalizzat tat-tassazzjoni bl-isem ta' Taxpayer Service servizz.gov. It-tlieta li huma qed joffru mrewħa ta' servizzi taħt saqaf wieħed biex iċ-ċittadin jirċievi servizz speċjalizzat f'one-stop-shop li jkopri servizzi speċifiċi.

Iċ-ċentri kollha, kemm dawk reġjonali kif ukoll dawk speċjalizzati, joffru servizz permezz ta' sistema t'appuntamenti. Dan ikompli jsaħħaħ il-kunċett li s-servizz jiġri wara ċ-ċittadin u mhux iċ-ċittadin jiġri wara s-servizz.

servizz.gov għandu triq twila quddiemu. Filwaqt li jkompli jassigura l-għoti ta' servizzi governattivi lil kulħadd minn kullimkien, irid ikompli jilħaq l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadin. Hekk jixraq lil pajjiż b'ekonomija b'saħħitha u hekk jixraq lil pajjiżna u lill-poplu tiegħu.

Is-Servizz Pubbliku
jkompli bit-tiġdid, issa aktar minn qatt
qabel, fil-qasam tat-teknoloġija

L-infrastruttura teknoloġika li kienet issostni lis-Servizz Pubbliku f'dawn l-aħħar snin kienet tirrikjedi li persuna tipprintja l-formoli miksuba onlajn u tibgħathom bil-posta jew tmur bihom fiżikament fid-dipartiment rispettiv kull darba li jkollha bżonn taċċessa servizzi governattivi b'mod elettroniku. Dan kien il-punt tat-tluq fl-2014 u dak li skatta l-viżjoni 'l quddiem ta' din l-amministrazzjoni fil-ħidma tagħha fil-qasam tat-teknoloġija fis-Servizz Pubbliku.

Permezz ta' strateġija ċara għas-servizzi governattivi, is-Servizz Pubbliku għamel qabża ferm 'il quddiem f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' servizzi governattivi aċċessibbli b'mod elettroniku. Tajjeb li nfakkru li għall-ewwel darba, is-Servizz Pubbliku nieda l-ewwel 21 mobile app tiegħu fl-2017. Illum persuna tista' taċċessa 'l fuq minn 70 servizz governattiv mill-mowbajl tagħha jew device elettroniku ieħor. Matul l-2017 bdiet ukoll il-ħidma biex jinqaleb il-formolarju tal-gvern minn verżjoni pdf għal e-form. Illum din il-ħidma wasslet biex jinqalbu 'l fuq minn 800 formola tal-Gvern li permezz tagħhom persuna m'għandhiex għalfejn iżżur dipartiment biex tissottometti l-applikazzjoni tagħha iżda tibgħatha elettronikament mill-kumdità ta' darha. Dawn is-servizzi, fost oħrajn, huma aċċessibbli fuq bażi 24/7, għal kulħadd u minn kullimkien.

Iżda mhux biss. Is-Servizz Pubbliku għaraf ikompli jiġġedded biex jibqa' validu għaż-żminijiet tal-lum, jitkellem bl-istess lingwa tal-klijenti tiegħu u jilħaq l-aspirazzjonijiet tagħhom. Dan huwa verament dak li jagħmel Servizz Pubbliku min-nies għan-nies. Għalhekk il-ħtieġa li nkomplu niġġeddu u nibnu fuq it-tajjeb li sar, issa wkoll b'viżjoni ġdida. Viżjoni li ser tkompli tagħmilha akar faċli għall-klijenti tas-Servizz Pubbliku biex jaċċessaw servizzi governattivi, din id-darba permezz ta' strateġija ġdida għal servizzi diġitali governattivi li s-sisien tagħha ser ikunu bbażati fuq il-kunċett tal-Once Only Principle, li permezz tiegħu persuna tagħti l-informazzjoni tagħha lill-Gvern darba biss u mhux kull darba li taċċessa servizz.

Din il-viżjoni tirrikjedi investiment b'saħħtu fl-infrastruttura elettronika kif ukoll bidla fil-mentalità dwar kif infasslu s-servizzi governattivi permezz ta' sistemi li jitkellmu flimkien u jiġu aġġornati real-time. Il-ħidma lejn din il-viżjoni bdiet permezz ta' investiment qawwi li hu l-ewwel tax-xorta tiegħu fl-istorja tas-Servizz Pubbliku. Investiment fil-qasam tat-teknoloġija li jlaħħaq l-40 miljun ewro permezz tal-proġett Converge. Dan l-investiment imiss 10 ministeri u jinvolvi 30 proġett li jvarjaw minn eservice application sa oħrajn indirizzati mill-gvern lejn il-gvern; lejn in-negozju u lejn iċ-ċittadin.

Il-kunċett li persuna tagħti t-tagħrif tagħha darba biss, li huwa magħruf bħala l-Once Only Principle, ġie estiż bħala proġett pilota fil-qasam tax-xiri pubbliku.

Dan ifisser li persuna jew negozju interessat fix-xiri pubbliku governattiv m'għandux għalfejn joqgħod kull darba jissotometti l-informazzjoni dwaru ma' kull offerta li jressaq iżda jirreġistra l-profil tiegħu darba biss, mal-ewwel sottomissjoni tiegħu. Din il-miżura, magħrufa wkoll bħala European Single Procurement Document (ESPD), ser tiffranka l-ħin lill-operaturi ekonomiċi biex jissottomettu l-offerti tagħhom, ser tiffrankalhom l-użu tar-riżorsi meħtieġa kif ukoll żbalji li jistgħu jittieħdu waqt is-sottomissjoni, liema żbalji jwasslu biex offerti jiġu rifjutati.

Il-ħidma tas-Servizz Pubbliku fil-qasam tat-teknoloġija diġitali tkompli biex nersqu dejjem aktar lejn servizz ta' eċċellenza, sostnut b'servizz ta' kwalità msejjes fuq erba' pilastri: il-vuċi, il-pakkett, id-disinn u l-kontabilità. B'hekk nagħtu lill-klijenti tagħna servizzi aċċessibbli fuq bażi 24/7 mill-kumdità ta' darhom, lil kulħadd u minn kullimkien.

# L-Ippjanar fis-Servizz Pubbliku

Ippjanar li jsir bir-reqqa u li jara fit-tul jiżgura ċans aktar konkret ta' suċċessi. Irridu naċċertaw li dak li jkun imwiegħed jiġi tabilħaqq imwettaq. Din hija l-ħidma kontinwa tas-Servizz Pubbliku fir-rigward ta' ippjanar u twettiq.

Din il-ħidma hija wkoll ibbażata fuq l-erba' pilastri li jiddefinixxu l-kwalità. B'hekk tingħata vuċi lill-klijenti tas-Servizz Pubbliku, disinn tal-proċessi, pakkett sħiħ fis-servizzi offruti u kontabilità lejn dak kollu li nwettqu. Iżda mhux biss. L-ippjanar huwa bbażat ukoll fuq kunċetti u prattiki oħra mħaddna mis-Servizz Pubbliku, fosthom it-3D planning (define, design, deliver), effective leadership u project-management. Dawn il-kunċetti, flimkien ma' oħrajn li huma riflessi fil-ħidma tas-Servizz Pubbliku, huma parti integrali mill-ħidma li twassal għall-ippjanar u t-twettiq.

L-ippjanar ta' proġetti, inkluż il-miżuri ta' simplifikazzjoni, key performance indicators u proġetti oħra, jiġi stabbilit kull sena mid-dipartimenti u l-ministeri nfushom. Dawn il-proġetti jiġu identifikati matul is-sena u kkonsolidati lejn l-aħħar kwart. Il-proġetti jiġu akkumpanjati bi pjan ta' azzjoni ċar u reali li jispjega l-għanijiet stabbiliti u l-mod kif il-proġett ser jitwettaq. Dan iservi ta' għodda fil-kejl waqt il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni, kif ukoll gwida sabiex jiġi identifikat fejn sejjer il-proġett u x'miri ser jilħaq.

L-implimentazzjoni tal-proġetti tibda fil-bidu tas-sena rispettiva, b'miri ċari u data ta' implimentazzjoni li possibbilment ma taqbiżx it-tielet kwart tas-sena. Dan il-proċess huwa akkumpanjat b'monitoraġġ kontinwu sabiex tingħata l-għajnuna meħtieġa fejn jinħass il-bżonn u jiġi żgurat it-twettiq tal-proġetti u l-miżuri rispettivi.

Din il-ħidma kompliet tiġi estiża wkoll fl-2019 bit-twaqqif tal-Quality Forum bl-għan li jħejji t-triq għall-għoti tal-ewwel Quality Labels lid-Dipartimenti u entitajiet fis-Settur Pubbliku. Il-Quality Label tingħata wara li dipartiment ikun saħħaħ il-proċessi interni tiegħu, fassal Quality Service Charters, tejjeb l-ambjent minn fejn jopera, għamel attitude survey meħtieġ bil-għan li janalizza l-profil u l-prestazzjoni tal-ħaddiema fi ħdanu, u laħaq standards stabbiliti wara eżerċizzji ta' quality audits u mystery shopper tul il-perjodu ta' ristrutturar. Il-Quality Label tingħata għal perjodu stabbilit u trid tiġi sostnuta permezz tal-ħidma kontinwa tad-dipartiment konċernat.

Dan il-kordinament fl-ippjanar u t-twettiq laħaq diversi għanijiet mill-introduzzjoni tiegħu fis-Servizz Pubbliku. Permezz ta' din il-funzjoni:

i. Inkisbet viżibilità fuq l-implimentazzjoni tal-proġetti varji: kemm minnhom ġew implimentati u oħrajn fil-proċess. B'hekk jiġi żgurat li ebda proġett jew miżura ma tintilef, iżda tibqa' titmexxa sat-twettiq tagħha;

ii. Iddaħħlet il-kultura ta' ippjanar u kontabilità f'dak kollu li nagħmlu permezz ta' pjani ċari kif ukoll rappurtaġġ li jirrifletti f'liema stadju waslet l-implimentazzjoni fuq bażi regolari;

iii. Kompliet il-ħidma sabiex jingħelbu s-silos bejn il-ministeri permezz ta' ħidma konġunta fuq proġetti li jirrikjedu l-intervent ta' aktar minn dipartiment jew ministeru wieħed;

iv. Issaħħet il-governanza fit-twettiq ta' proġetti u kontabilità lejn il-klijenti tas-Servizz Pubbliku, permezz ta' numru ta' pubblikazzjonijiet li jagħtu stampa u rendikont tal-miri ppjanati u l-ħidma li saret matul is-sena; kif ukoll

v. Uniformità fil-mod kif is-Servizz Pubbliku jħares lejn il-proġetti u l-implimentazzjoni ta' miżuri varji b'enfasi fuq il-kwalità fl-ippjanar, fir-rappurtaġġ u t-twettiq ta' miżuri, fost l-oħrajn.

Ix-xhieda ta' dan kollu huma s-suċċessi li nkisbu f'dawn l-aħħar ħames snin b'persentaġġ għoli ta' miżuri mwettqa

fuq bażi konsistenti matul is-snin, minkejja l-avvenimenti li s-Servizz Pubbliku jkun għaddej minnhom, bi wħud minnhom għall-ewwel darba u mingħajr xkiel, fosthom il-Valletta Summit on Migration, il-Commonwealth Heads Of Government Meeting, l-Elezzjoni Ġenerali, il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u Valletta 2018 European Capital of Culture.

Għalhekk il-ħtieġa biex is-Servizz Pubbliku jkompli jsaħħaħ il-ħidma tiegħu lejn is-simplifikazzjoni ta' proċessi kif ukoll l-ippjanar u t-twettiq sabiex iwassal lill-klijenti tiegħu servizz effiċjenti, effettiv u ta' kwalità, għal kullħadd kullimkien.

# Servizz għall-klijenti interni

Il-ħidma tad-Diviżjoni tal-People and Standards hija turija ta' kemm is-Servizz Pubbliku jpoġġi l-persuna fiċ-ċentru tal-ħidma tiegħu, kemm jekk il-persuna hija klijent intern jew estern għas-Servizz Pubbliku. Din il-ħidma hija riflessjoni tal-erbgħa pilastri stabbiliti mis-Servizz Pubbliku nnifsu sabiex fuqhom jibni u jiddefinixxi l-kwalità. Dawn huma l-vuċi, id-disinn, il-pakkett u l-kontabilità.

Xhieda ta' dan huwa t-twaqqif tal-One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi fi ħdan id-Diviżjoni tal-People and Standards fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. It-twaqqif tiegħu fiċ-ċentru tal-amministrazzjoni jixhed il-ħarsien lejn il-kontabilità, valur integrali mħaddan mis-Servizz Pubbliku.

Permezz tal-One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi l-ħaddiema ngħataw vuċi u post wieħed fejn jirrikorru biex jiksbu tagħrif jew iressqu lment. Dan wara li persuna tkun eżawriet il-proċeduri kollha stabbiliti fi ħdan id-dipartiment jew ministeru fejn taħdem. Iżda mhux biss. Il-One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi joffri kenn għall-ħaddiema li jsibu l-bibien magħluqa sabiex jiksbu tagħrif kif ukoll iħarsu l-ħtiġijiet u l-kundizzjonijiet marbuta mal-impjieg tagħhom.

Il-One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi huwa wkoll sostnut bi Grievances Board, imwaqqaf fuq bażi permanenti. L-għan prinċipali tiegħu huwa li jinvestiga, fejn jara l-ħtieġa, allegati inġustizzji fil-konfront ta' uffiċjali pubbliċi. Permezz tat-twaqqif tal-Grievances Board, l-uffiċjali pubbliċi issa verament jistgħu jqisu ruħhom fuq l-istess livell ta' ħaddiema f'setturi oħra, fejn jidħol konfort u ħarsien tad-drittijiet tal-persuna.

Il-One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi huwa evidenza ta' proġett suċċess imwettaq bħala KPI mid-Diviżjoni tal-People and Standards. Dan il-proġett kien jinkludi r-ristrutturar tal-binja minn fejn jopera l-One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi, analiżi tal-proċessi stabbiliti bil-għan li nissimplifikaw fejn tinħass il-ħtieġa, kif ukoll it-tisħiħ fis-servizzi biex nersqu dejjem eqreb lejn servizz ta' kwalità.

Il-ħidma tal-One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi ssoktat fl-2018 u s'issa laqgħet mas-600 talba għall-informazzjoni jew stħarriġ ta' każi. Matul l-istess perjodu, il-One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi żied il-preżenza tiegħu wkoll fil-ministeri u d-dipartimenti permezz ta' kampanja promozzjonali maħsuba biex tkabbar l-għarfien tal-uffiċjali pubbliċi dwar is-servizzi offruti. Ta' min ifakkar li persuna tista' tagħmel kuntatt mal-One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi permezz tal-email one-stop-shop.psd@gov.mt, telefown 2200 1225 jew billi persuna żżur direttament l-uffiċċju tal-One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi fi 3, Pjazza Kastilja, Il-Belt Valletta.

Il-ħidma tad-Diviżjoni tal-People and Standards fl-2018 tmur lil hinn mit-tisħiħ tal-One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi. Din kienet sena mżewqa bl-introduzzjoni ta' servizzi elettroniċi ġodda, fosthom l-iżvilupp ta' portal ċentrali ġdid minn fejn persuna tista' taċċessa l-applikazzjonijiet għar-reklutaġġ mas-Servizz Pubbliku (www.recruitment.gov.mt) kif ukoll 'my personal Kiosk', app ġdida li permezz tagħha uffiċjali pubbliċi jiksbu informazzjoni personali marbuta mal-impjieg, salarju u benefiċċji oħra direttament mill-mowbajl tagħhom fuq bażi 24/7.

Id-Diviżjoni tal-People and Standards kompliet il-ħidma tagħha fit-tisħiħ tat-taħriġ mogħti lill-uffiċjali pubbliċi wkoll permezz tal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. Dan l-istitut, bl-Università ta' Malta u l-MCAST bħala msieħba strateġiċi tiegħu, kompla ħidmietu sabiex jintroduċi korsijiet ġodda, isaħħaħ it-taħriġ u jkompli jibni fuq il-potenzjal tal-uffiċjali pubbliċi. F'dan il-kuntest, fl-2018 in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li ggradwaw waqt iċ-Ċerimonja ta' Gradwazzjoni mtellgħa mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi rdoppja meta mqabbel mas-snin ta' qabel, b'madwar 400 uffiċjal pubbliku jingħataw rikonoxximent taċ-ċertifikat li kisbu. Fosthom kien hemm 30 li ggradwaw f'livell ta' Baċellerat, kif ukoll persuna ċertifikata bħala marmista.

Il-ħidma tad-Diviżjoni tal-People and Standards matul l-2018 ma waqfitx biss ma' dawn il-proġetti iżda kompliet timraħ f'diversi oqsma oħra li jikkumplimentaw it-tisħiħ fl-għoti tas-servizz, bħall-mystery shopper u l-quality audits fid-diversi dipartimenti u ministeri, is-simplifikazzjoni tal-proċessi u tnaqqis fil-burokrazija żejda kif ukoll il-ħarsien tal-benesseri tal-persuna. Dan huwa dak li jagħmel Servizz Pubbliku min-nies għan-nies.

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Simplifikazzjoni fil-mod kif isiru spezzjonijiet fil-garden centres. Dan permezz ta' self-assessment checklist u linji gwida li n-negozji jingħataw minn qabel, bi preparazzjoni għall-ispezzjonijiet. B'hekk negozju jkun jista' jirregola l-operat tiegħu f'każ li ssirlu spezzjoni. Din il-ħidma ser issir b'kordinazzjoni mal-Inspections Coordination Office fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. | Bdiet ħidma fuq il-kompilazzjoni ta' pre-assessment checklists u linji gwida għall-garden centres. Saret laqgħa mal-operaturi tal-garden centres fejn tqassmu l-pre-assessment checklists u l-linji gwida kif ukoll ġie spjegat il-proċess il-ġdid ta' kif ser jibdew isiru l-ispezzjonijiet. | Bdew l-ispezzjonijiet skont il-linji gwida l-ġodda. Inġabret l-informazzjoni mill-ispetturi u tqassmet fl-entitajiet konċernati. | | | Madwar 50 negozjant u spetturi f'dan il-qasam | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Introduzzjoni ta' qafas ġdid ta' liġi mill-Awtorità tal-Logħob li jagħti l-jedd lill-operaturi biex jappuntaw awditur direttament biex jivverifika l-proċess/sistemi tagħhom mingħajr il-bżonn tal-intervent tal-istess Awtorità. Dan il-proċess se jiffranka l-ħin lill-operaturi u se jgħin lill-Awtorità biex tiffoka r-riżorsi tagħha fuq il-kontenut tar-rapporti tal-awditur minflok fuq il-proċess. | Tfasslu proċessi ġodda u l-formoli meħtieġa sabiex l-Awtorità tal-Logħob tkun tista' tipproċessa l-interess/applikazzjoni tal-entitajiet varji bħala service providers.<br><br>Bdew jintlaqgħu applikazzjonijiet tas-service providers prospettivi sabiex jiġu approvati mill-Awtorità Maltija dwar il-logħob (MGA).<br><br>Il-proċess li jippermetti lil service provider japplika għall-approvazzjoni mill-Awtorità huwa wieħed miftuħ, mingħajr data ta' skadenza, u għaldaqstant dan ix-xogħol sar parti mill-operat tal-Awtorità. | Il-qafas regolatorju ġdid daħal fis-seħħ. | | | Madwar 250 operatur liċenzjati mal-Awtorità tal-Logħob u potenzjalment oħrajn li jixtiequ jsiru fornituri approvati. | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4 | Simplifikazzjoni fil-proċess tal-Initial Patent Application Voucher. Preżentament, biex persuna tapplika għal Intellectual Property Protection trid tgħaddi minn stadju kumplikat u elaborat. Permezz ta' din il-miżura, riċerkaturi se jingħataw linji gwida ċari biex jiġu megħjuna matul il-proċess. | Sar id-disinn preliminari tal-Initial Patent Application Flowchart.<br><br>Bdiet ħidma fuq żewġ proġetti pilota u tlesta l-ittestjar tagħhom. | Sar stħarriġ mal-benefiċjarji u l-fornituri tas-servizz dwar il-metodu ġdid propost għall-Initial Patent Application.<br><br>Ġie adottat il-proċess il-ġdid aktar simplifikat fil-mod kif persuna tapplika għal Intellectual Property Protection. | | | Madwar 8 entitajiet ta' riċerka kull sena | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 74 | Jinfetaħ uffiċċju minn Identity Malta fl-Isptar Mater Dei permezz ta' KPI għall-2018 biex ikun offrut servizz aħjar u aktar effiċjenti, b'mod partikolari lill-pazjenti tal-isptar u lil min qed iżur lil xi ħadd l-isptar. Is-servizzi jinkludu notifika ta' twelid u mewt u applikazzjonijiet ta' passaporti għal trabi u tfal taħt is-sitt snin li għandhom bżonn isiefru b'urġenza. | Bdiet ħidma minn Identity Malta biex jiġi identifikat post fl-Isptar Mater Dei biex ikun jista' jibda jopera l-uffiċċju l-ġdid.<br><br>Bdew id-diskussjonijiet interni u ġie deċiż li b'mod temporanju jiġi installat station minn fejn il-pubbliku jibda jingħata s-servizz il-ġdid sakemm jinfetaħ il-post b'mod uffiċjali.<br><br>Ġie identifikat il-post il-ġdid u beda x-xogħol infrastrutturali.<br><br>Beda jingħata t-taħriġ lill-ħaddiema ta' Identity Malta li ser jagħtu s-servizz kemm fl-istation temporanju kif ukoll fil-post il-ġdid. | Tlesta x-xogħol infrastrutturali u t-taħriġ lill-ħaddiema ta' Identity Malta.<br><br>Ġie inawgurat l-uffiċċju l-ġdid ta' Identity Malta fl-Isptar Mater Dei u s-servizz beda jingħata.<br><br>Ingħata taħriġ lil ħaddiema f'San Vinċenz de Paule biex każijiet ta' mewt ikunu jistgħu jiġu notifikati mill-ħaddiema stess f'isem Identity Malta. | | | Il-pubbliku, b'mod partikolari dawk li jkollhom bżonn jirreġistraw twelid jew mewt fl-Isptar Mater Dei jew mewt f'San Vinċenz de Paule, kif ukoll japplikaw għal passaporti għal trabi u tfal ta' taħt is-sitt snin li għandhom bżonn isiefru b'urġenza. | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 75 | Jinħoloq mekkaniżmu biex il-prijoritajiet tas-Servizz Pubbliku jiġu kkomunikati lill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi biex jiġu riflessi fil-prospectus tal-Istitut ta' kull sena u fit-taħriġ li jipprovdi l-Istitut. | Saret analiżi tal-informazzjoni miġbura mill-performance appraisal system u l-HR Plans flimkien mar-riżultati miksuba mill-mystery shopper u t-talbiet għal ħtieġa ta' taħriġ imressqa mill-Ministeri.<br><br>Saru laqgħat interni mal-MCAST u l-Università ta' Malta dwar programmi ta' taħriġ li jikkonċernaw suġġetti fuq Management, Customer Care u Industrial Relations fost oħrajn.<br><br>Bdew jingħataw numru ta' induction courses fosthom għall-Assistenti Prinċipali, Uffiċjali Eżekuttivi, ICT Support Officers u oħrajn, kif ukoll lil dawk l-uffiċjali li ħadu promozzjoni jew ħatra ġdida fis-Servizz Pubbliku. | Tfasslu l-programmi ta' taħriġ għas-sena akkademika 2018/2019 u sar l-ewwel abbozz tal-prospett il-ġdid tal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.<br><br>Kompliet il-ħidma mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi fejn ġie mfassal kors ġdid fl-Industrial Relations kif ukoll ħidma biex aktar taħriġ provdut mill-IPS jiġi akkreditat.<br><br>Tlestew il-korsijiet ta' induction għall-Assistenti Prinċipali u kompla t-taħriġ għall-Uffiċjali Eżekuttivi. | Sar id-disinn tal-prospett il-ġdid, ġie ppubblikat u bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet.<br><br>Intgħażlu l-parteċipanti u beda t-taħriġ, b'mod partikolari dak dwar ir-relazzjonijiet industrijali.<br><br>Komplew id-diskussjonijiet mal-MCAST u l-Università dwar skemi ġodda għall-Apprendistat u Traineeships.<br>Ġiet ukoll imnedija skema għal studenti mill-Università biex jagħmlu r-riċerka.<br><br>Bdew korsijiet ġodda ta' induction għal uffiċjali pubbliċi kif ukoll għal dawk fil-general service grades biex ikunu jistgħu javvanzaw fil-karriera tagħhom. | Komplew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għal korsijiet diversi. Il-prospett intlaqa' tajjeb u t-taħriġ issokta.<br><br>Saru laqgħat on-site mal-istudenti fl-MCAST dwar l-Iskema ta' Apprendistat mas-Servizz Pubbliku kif ukoll kompla jingħata t-taħriġ mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. | Uffiċjali pubbliċi fi ħdan is-Servizz Pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 76 | Isiru audits ta' kwalità fid-dipartimenti li joffru servizz lill-klijenti. | Saret ħidma mid-Direttorat tal-Kwalità u l-Istandards fi ħdan il-P&SD li wasslet għall-konklużjoni ta' tnax-il audit, tlieta minnhom f'Għawdex. Ir-riżultat ta' dawn l-audits ġie kkomunikat lid-Dipartimenti kkonċernati u r-rakkomandazzjonijiet ġew implimentati. Dan filwaqt li d-Direttorat tal-Kwalità u l-Istandards ta taħriġ lil dawk involuti relatat mal-għoti tas-servizz lill-klijenti tas-Servizz Pubbliku bil-għan li jintlaħaq servizz ta' eċċellenza. | Kompliet il-ħidma mid-Direttorat tal-Kwalità u l-Istandards li wasslet għall-konklużjoni ta' ħdax-il audit ieħor, tlieta minnhom f'Għawdex. Ir-riżultat ta' dawn l-audits ġie kkomunikat lid-Dipartimenti kkonċernati u r-rakkomandazzjonijiet ġew implimentati.<br><br>Kompliet ukoll il-ħidma fit-taħriġ mogħti lil ħaddiema fid-Dipartimenti li kienu suġġetti għal audit bil-għan li jtejbu s-servizz mogħti lill-klijenti tas-Servizz Pubbliku. | Kompliet il-ħidma mid-Direttorat tal-Kwalità u l-Istandards li wasslet għall-konklużjoni ta' għaxar audits oħra. Ir-riżultat ta' dawn l-audits ġie kkomunikat lid-dipartimenti kkonċernati u ġiet segwita l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. | Il-ħidma tad-Direttorat tal-Kwalità tkompliet fuq bażi kontinwa. | Is-Servizz Pubbliku | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 77 | Jitwaqqaf One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi fejn ikunu jistgħu jirrikorru għal kull informazzjoni jew assistenza dwar kwalunkwe ħaġa li għandha x'taqsam mal-impjieg tagħhom. Dan jinkludi informazzjoni u gwida dwar opportunitajiet fil-karriera, taħriġ, kundizzjonijiet tax-xogħol u prospetti ta' żvilupp, fost oħrajn. Il-One-Stop-Shop se jaħdem id f'id ma' dipartimenti oħra biex jiffaċilita proċessi li jiżguraw governanza tajba u servizzi ta' kwalità marbuta ma' talbiet imressqa mill-uffiċjali konċernati. Il-One-Stop-Shop se jservi wkoll bħala helpdesk għall-uffiċjali pubbliċi biex jaċċessaw is-servizzi tal-Grievances Board, li jindirizzaw inġustizzji allegatament imwettqa fil-konfront ta' uffiċjali pubbliċi. | Il-One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi u l-Grievances Board twaqqfu f'Novembru 2017.<br><br>Tlesta pjan ta' azzjoni għat-twettiq tal-kumplament tal-miżura li jinkludi r-refurbishment tal-binja minn fejn jopera l-One-Stop-Shop u t-taħriġ lill-ħaddiema involuti. Beda x-xogħol infrastrutturali. | Ingħata t-taħriġ lill-contact persons fil-Ministeri.<br><br>Tlesta x-xogħol ta' refurbishment. Il-miżura ġiet implimentata. | | | Is-Servizz Pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 47 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru-Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jkompli jwassal għall-qalba ta' numru ta' formoli f'eforms. | Kompla l-eżerċizzju intern flimkien mal-MITA u l-fornitur biex jiġu identifikati l-formoli li ser jinqalbu minn format PDF jew Word għal eform. Dan il-proċess wassal biex jiġu identifikati 49 formola ġdida biex jinqalbu din is-sena. | Bdiet ħidma fuq l-implimentazzjoni ta' numru ta' enhancements fis-sistema li se jwasslu biex jinqalbu 49 formola f'eforms. | Tlestew l-ewwel 21 formola flimkien mat-testing. Kompliet il-ħidma fuq il-kumplament tal-formoli. | Tlestew 28 formola oħra u b'hekk inqalbu 49 formola f'eforms. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 59 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (mservices) permezz ta' żvilupp ta' apps u siti li huma kompatibbli ma' apparat elettroniku. Din is-sena ġie ppjanat l-iżvilupp ta':<br><br>1. Government Intranet<br>2. Public Service<br>3. Intrastat<br>4. Join the Public Service<br>5. Rate the Public Service<br>6. SPOT<br>7. Esplora<br>8. My Personal Kiosk<br>9. Free Wifi<br><br>Dawn is-siti/apps huma kollha aċċessibbli minn maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti biex jinqalbu f'format kompatibbli ma' apparat elettroniku kif ukoll inġabret informazzjoni relatata mal-iżvilupp tal-apps identifikati. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ.<br><br>Tlestiet il-ħidma fuq l-ewwel 7 mservices ippjanati għal din is-sena u ġew imnedija fuq maltapps. | Kompla l-iżvilupp ta' aktar mservices. | Tlesta mservice ieħor bl-isem ta' My Personal Kiosk u tnieda fuq maltapps. Kompliet il-ħidma fuq l-iżvilupp ta' Free Wifi. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU
U MINISTERU GĦAS-SAĦĦA



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 35 | Introduzzjoni ta' Standard Operating Procedures għall-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Din il-miżura ser tħaffef it-tħaddim tal-fondi Ewropej u ser tagħti aċċess aktar faċli għall-formoli, checklists u materjal promozzjonali bħal logos u banners f'post wieħed. | Ġiet organizzata sessjoni ta' informazzjoni għal dawk il-Project Leaders u Project Team Members responsabbli mill-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Ġie miktub u introdott l-iStandard Operating Procedure li jagħti gwida għall-użu ta' sistema li żżid l-effiċjenza fix-xogħol. | | | | Project Leaders u Project Team Members fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa | Implimentata |
| 36 | Introduzzjoni ta' servizz ta' navigazzjoni għall-assistenza tal-pazjenti taħt kura għall-kanċer tal-pulmun. Dan is-servizz se jgħin biex jitnaqqas il-ħin ta' stennija għall-pazjent. | Inħarġet sejħa għar-reklutaġġ ta' nurse navigator tal-pulmun. Intgħażlet il-persuna u bdiet taħdem. Beda xogħol ta' awditjar tal-proċess tal-kura ta' dan it-tip ta' kanċer. Saru numru ta' laqgħat mal-istakeholders involuti dwar is-servizz il-ġdid. | Tlesta l-awditjar u saret analiżi tar-riżultat miksub. Ingħata taħriġ lin-Nurse Navigator fuq il-proċess tal-kura tal-pazjenti morda bil-kanċer tal-pulmun, liema taħriġ ingħata parti minnu barra minn Malta. | Ġiet żviluppata sistema ta' dokumentazzjoni elettronika tan-navigazzjoni li fuqha ser tkun qed tinbena r-rekord tal-pazjenti li jkollhom dijanjosi tal-kanċer tal-pulmun. Beda jingħata s-servizz lill-ewwel pazjenti kif ukoll il-proċess ta' evalwazzjoni tal-proċess sħiħ marbut mal-kura tal-kanċer tal-pulmun, bil-għan li jkompli jittejjeb is-servizz. | Wara li daħal ir-rwol ta' nurse navigator tal-pulmun bħala proġett pilota din is-sena, dan ir-rwol ġie implimentat fil-prattika u bdiet il-fażi tal-evalwazzjoni tal-proċess sabiex inkomplu ntejbu s-servizz u b'hekk tonqos il-burokrazija u ż-żmien ta' stennija. | Madwar 160 persuna | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 37 | Simplifikazzjoni fil-mod kif tinġabar l-istatistika, minn wieħed manwali għal wieħed elettroniku. B'hekk ir-rispons intern għall-ġbir ta' informazzjoni jingħata b'aktar effiċjenza. | Tfasslu linji gwida kif ukoll manwal dwar is-servizzi kollha li jingħataw miċ-ċentri tas-saħħa. Tlesta manwal li jinkorpora informazzjoni dwar is-servizzi kollha. B'hekk il-pazjenti kollha f'kull ċentru qed jiġu rreġistrati skont il-kategorija rispettiva. Saru wkoll sessjonijiet informattivi indirizzati għall-istaff ikkonċernat. | Bdiet ħidma fuq is-sistema l-ġdida li permezz tagħha se tkun tista' tinġabar l-istatistika ta' servizzi li jingħataw minn kull ċentru tas-saħħa b'mod elettroniku. Bdiet titħaddem is-sistema fiċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana u kompliet il-ħidma biex din is-sistema tinfirex ukoll f'ċentri tas-saħħa oħra. | Tlestiet is-sistema ta' ġbir ta' statistika mis-CPAS (Clinical Patient Administration System). Is-sistema ddaħħlet u bdiet titħaddem fiċ-ċentri tas-saħħa kollha. | Kompla l-proċess ta' ġbir ta' informazzjoni dwar kemm nies iżuru ċ-ċentri tas-saħħa b'mod kontinwu. | Il-pubbliku kollu li jagħmel użu mis-servizzi taċ-ċentri tas-saħħa | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 38 | Introduzzjoni tal-kunċett ta' Ċentri ta' Eċċellenza bl-għan li l-pazjent ikun moqdi aħjar. B'din il-miżura, se jsir proġett pilota fil-Furjana fejn klijenti għall-kura tal-għajnejn se jibdew jingħataw appuntament f'inqas żmien ta' stennija. F'din il-klinika l-klijent se jingħata servizz komplut b'aktar effiċjenza. | Ġie mwaqqaf tim biex iħares l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett, ifassal linji gwida u jistabbilixxi pjan dwar il-proċess ta' dan is-servizz, li jkun prinċipalment iffukat fuq servizz ta' triage. Dan ser jgħin fit-tnaqqis taż-żmien ta' stennija biex jingħata s-servizz. Beda r-refurbishment fid-Dipartiment tal-Oftalmoloġija ġewwa ċ-Ċentru tal-Furjana. | Inkitbu l-linji gwida u ġew approvati mill-clinical chair. Sar tibdil strutturali sabiex is-servizz ikun jista' jingħata b'sistema ta' one-stop-shop minn optometrista li jifforma parti mid-dipartiment tal-oftalmoloġija fi ħdan il-Kura Primarja. Ġew imfassla wkoll formoli ta' dokumentazzjoni u t-template għall-appuntamenti. | Saru pjanijiet ta' kif jiġu mqassma l-appuntamenti kif ukoll ingħata taħriġ lill-professjonisti involuti fil-proġett. | Tlesta r-refurbishment kollu fid-Dipartiment tal-Oftalmoloġija ġewwa ċ-Ċentru tal-Furjana. Tlestew il-leaflets informattivi għall-pubbliku u bdew isiru t-tħejjijiet għall-appuntamenti permezz tas-servizz triage b'effett minn Jannar 2019. | Madwar 50,000 pazjent li jkollhom bżonn kura relatata mal-oftalmoloġija | Implimentata |
| 39 | Simplifikazzjoni fil-proċess kif persuna tapplika għas-servizzi tat-telf ta' piż u tal-'Ħu Kontroll'. Fil-preżent l-applikazzjonijiet jimtlew manwalment u jintbagħtu bil-posta. Permezz ta' din il-miżura, l-applikazzjonijiet se jibdew jintlaqgħu direttament fuq it-telefown. B'hekk il-proċess jiġi simplifikat u jsir aktar effiċjenti u user friendly. | Ġew identifikati r-riżorsi għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Bdiet ħidma fuq l-iżvilupp ta' database biex jintlaqgħu l-applikazzjonijiet bit-telefown. | Kompliet il-ħidma fuq it-tfassil tad-database filwaqt li ġie mfassal protokoll għat-tħaddim ta' din il-proċedura. | Saru l-aħħar tibdiliet fis-sistema u ġiet implimentata. | | Madwar 1,400 persuna b'piż żejjed u/jew li jbatu b'mard kroniku. | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 40 | Introduzzjoni ta' sistema li se tiffaċilita l-kunsens għal skambju ta' dettalji mediċi f'pajjiżi Ewropej waqt safar. Il-kunsens taċ-ċittadin huwa essenzjali biex ikun hemm skambju awtomatiku tar-rekords mediċi tiegħu bejn Malta u pajjiż ieħor waqt safar. Permezz ta' din il-miżura, il-proċess se jkun simplifikat għax iċ-ċittadin ikun jista' jidħol onlajn fil-portal tal-myHealth, fejn kulma jkollu bżonn jagħmel hu li jimmarka kaxxa biex jagħti l-kunsens tiegħu. | Sar xogħol tekniku fuq l-iżvilupp ta' din is-sistema, speċifikament fuq il-user interface fil-portal tal-myHealth. Din is-sistema ser tgħin biex ikun hemm skambju tal-Patient Summaries bejn il-pajjiżi. Bdiet ħidma biex jintlaħaq qbil mal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea dwar it-tħaddim ta' din is-sistema. | Intlaħaq ftehim bejn il-pajjiżi u kompla x-xogħol tekniku biex dan is-servizz jibda jingħata. | Is-servizz ta' kunsens elettroniku ġie inkorporat fil-portal tal-myHealth u beda jitħaddem b'effett minn Settembru. | | Il-pubbliku, b'mod partikolari dawk li jsiefru f'pajjiżi Ewropej | Implimentata |
| 41 | Introduzzjoni ta' checklist għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-aċċess ta' informazzjoni fl-Isptar Mater Dei. Bħalissa kull rikjesta tintbagħat lill-Uffiċċju Legali għall-ipproċessar b'mod manwali. Permezz ta' din il-miżura, uffiċjali fil-customer care se jkunu jistgħu jipproċessaw dawn l-applikazzjonijiet b'mod dirett. | Beda u tlesta l-abbozzar taċ-checklist. Saru laqgħat mal-istaff ta' Mater Dei biex jingħata tagħrif dwar kif jiġu proċessati l-applikazzjonijiet. Ingħata t-taħrig lill-istaff tal-customer care. | Iċ-checklist ġiet varata u bdiet tintuża. B'hekk, l-applikazzjonijiet bdew jiġu proċessati b'aktar effiċjenza. | | | Impjegati fil-Customer Care Department, il-persuni li japplikaw għal informazzjoni medika | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 92 | Żvilupp ta' sistema elettronika ġdida li permezz tagħha r-riżultati mediċi kollha tal-pazjenti jkunu jistgħu jiġu aċċessati minn post ċentrali. Fil-preżent, mhux possibbli li wħud mir-riżultati jintbagħtu elettronikament. | Bdew diskussjonijiet mal-impjegati tal-isptar li jordnaw dawn l-investigazzjonijiet, l-impjegati tal-Kardjoloġija, it-tim tal-informatika u l-Health Team tal-MITA biex jiġu identifikati l-bżonnijiet kemm min-naħa tal-operat u anke min-naħa teknika dwar kif ser tintbagħat l-informazzjoni lill-iżviluppaturi tas-sistemi. | Intbagħtet l-informazzjoni lill-iżviluppaturi u bdew diskussjonijiet dwar l-implimentazzjoni tas-sistema elettronika. | Beda l-ittestjar fuq il-proċess tal-ECG li jkopri l-ħruġ tal-ordni sa kif jintbagħat u jiġi pprovdut ir-riżultat lill-utenti b'mod elettroniku. | Kompliet il-ħidma fuq l-iżvilupp tas-sistema. | Il-pazjenti u l-impjegati tal-Ministeru għas-Saħħa li jieħdu ħsiebhom | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 93 | Konsolidament ta' riżultati maħruġa minn sistemi differenti f'rapport iġġenerat elettronikament fl-iSoft Clinical Manager (Lab2Lab). Permezz ta' dan ir-rapport, it-tobba se jkunu jistgħu jordnaw investigazzjonijiet tad-demm speċjalizzati biex jiġu proċessati f'laboratorju barra minn Malta direttament mill-iSoft Clinical Manager (iCM) u jkollhom aċċess għar-riżultat tiegħu. Fil-preżent, tali riżultati jiġu proċessati manwalment u jintbagħtu permezz ta' email. | Bdew diskussjonijiet mal-impjegati fl-isptar li jordnaw investigazzjonijiet, dawk tal-patoloġija, it-tim tal-informatika u l-Health Team tal-MITA biex jiġu identifikati l-bżonnijiet kemm min-naħa tal-operat u anke min-naħa teknika dwar kif ser tintbagħat l-informazzjoni lill-iżviluppaturi tas-sistemi. | Intbagħtet l-informazzjoni lill-iżviluppaturi u bdew diskussjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' din is-sistema. Inxtara apparat elettroniku li jassigura li l-informazzjoni tintbagħat b'mod sigur minn sistema għall-oħra. Beda x-xogħol tekniku fuq dan il-proġett. | Ġew integrati s-sistemi, tlesta l-ittestjar tekniku u beda l-ittestjar tal-proċess kollu minn meta tintbagħat l-ordni tat-testijiet sa kif joħroġ ir-riżultat u kif ser jintbagħat u jiġi pprovdut lill-utenti b'mod elettroniku. | Tlesta l-ittestjar, ġie identifikat it-tibdil tekniku meħtieġ u saru t-tibdiliet. | L-impjegati tal-Ministeru għas-Saħħa li jieħdu ħsieb il-pazjenti, u l-pazjenti nfushom | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 48 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru-Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jkompli jwassal għall-qalba ta' numru ta' formoli f'eforms. | Kompla l-eżerċizzju intern flimkien mal-MITA u l-fornitur biex jiġu identifikati l-formoli li ser jinqalbu minn format PDF jew Word għal eform. Dan il-proċess wassal biex jiġu identifikati 8 formoli ġodda biex jiġu maqluba din is-sena. | Bdiet u tlestiet il-ħidma fuq l-implimentazzjoni ta' numru ta' enhancements fis-sistema. Ġew żviluppati 8 formoli ġodda u aċċessibbli għall-pubbliku f'format ta' eform. | | | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 60 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (mservices) permezz ta' żvilupp ta' apps u siti li huma kompatibbli ma' devices elettroniċi. Din is-sena ġie ppjanat l-iżvilupp ta':<br><br>1. Organ Donation<br>2. myHealth<br><br>Dawn is-siti/apps huma kollha aċċessibbli minn maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti biex jinqalbu f'format kompatibbli ma' devices elettroniċi kif ukoll inġabret informazzjoni relatata mal-iżvilupp tal-apps identifikati. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ.<br><br>Tlestiet il-ħidma fuq l-ewwel mservice bl-isem ta' Organ Donation u ġie mniedi fuq maltapps. | Kompla l-iżvilupp ta' aktar mservices. | Tlesta mservice ieħor bl-isem ta' myHealth u ġie mniedi fuq maltapps. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA,
L-INVESTIMENT U N-NEGOZJI Ż-ŻGĦAR


Business

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 78 | Wara r-riforma li twettqet fl-2017 fis-sistema tal-liċenzjar tan-negozji, kommessi li nkomplu b'din ir-riforma f'oqsma oħra li għalihom huwa responsabbli d-Dipartiment tal-Kummerċ. Permezz ta' din il-KPI, matul l-2018 ser inħarsu lejn l-oqsma ta' patents u trademarks biex insiru dejjem aktar effiċjenti u effettivi. | a) Reviżjoni tal-proċessi involuti (inkluż l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet) tat-trademarks: Bdiet ħidma fuq l-ipproċessar tat-trademarks mid-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Management Efficiency Unit (MEU). Tlesta l-ewwel abbozz bl-emendi fl-Att dwar it-Trademarks li jirrifletti direttiva tal-UE.<br><br>b) Reġistru tal-privattivi onlajn minflok is-sistema manwali: Beda u tlesta l-iżvilupp tas-sistema onlajn. Is-sistema ġiet ittestjata minn focus group. Intlaqgħu s-suġġerimenti u saru l-emendi. Dan wassal għall-iżvilupp ta' eforms ġodda li permezz tagħhom bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, reġistrazzjoni u tiġdid ta' privattivi. | a) Reviżjoni tal-proċessi involuti (inkluż l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet) tat-trademarks: L-abbozz tal-Att tressaq għall-konsultazzjoni permezz ta' laqgħat mal-GRTU u ntbagħtu l-proposti lit-Trademark Attorneys, Chamber of Commerce, Enterprise and Industry u GRTU.<br><br>b) Reġistru tal-privattivi onlajn minflok is-sistema manwali: Is-sistema onlajn ta' reġistru għall-privattivi ġiet varata flimkien mal-iżvilupp tal-eforms. Din is-sistema hija wkoll aċċessibbli permezz ta' mobile app. | a) Reviżjoni tal-proċessi involuti (inkluż l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet) tat-trademarks: Ġew approvati l-emendi proposti, tlestiet il-konsultazzjoni mal-GRTU dwar proċessi oħrajn relatati ma' trademarks u ġiet ippreparata memo flimkien ma' avviż legali dwar il-punti mressqa.<br><br>ċ) Aktar għarfien dwar il-ħarsien tad-drittijiet permezz ta' kampanja promozzjonali fuq trademarks u disinn: Kompliet il-kampanja promozzjonali. | a) Reviżjoni tal-proċessi involuti (inkluż l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet) tat-trademarks: L-Att tat-Trademarks għadda għall-istadju ta' Qari fil-Parlament u ġie ppubblikat l-avviż legali. | L-industrija, intrapriżi żgħar u imprendituri oħra | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Bdiet ħidma fuq żvilupp ta' mobile app biex aktar servizzi u informazzjoni jkunu jistgħu jiġu aċċessati b'mod elettroniku.<br><br>ċ) Aktar għarfien dwar il-ħarsien tad-drittijiet permezz ta' kampanja promozzjonali fuq trademarks u disinn: Bdew il-preparamenti għad-disinn ta' kampanja promozzjonali. Ħarġet it-tender u bdiet l-evalwazzjoni. | ċ) Aktar għarfien dwar il-ħarsien tad-drittijiet permezz ta' kampanja promozzjonali fuq trademarks u disinn: Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti u ġie ppubblikat ir-riżultat. Inkitbet il-kampanja promozzjonali u bdiet b'mod uffiċjali. | | | | |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 79 | Intejbu s-servizzi eżistenti u nintroduċu oħrajn ġodda fil-one-stop-shop biex kull negozjant li jmur Business 1st jinqeda minn kollox minn post wieħed. Din il-KPI għall-2018 ser tkompli tibni fuq il-ħidma mwettqa fis-snin ta' qabel. | Kompliet il-ħidma biex aktar servizzi indirizzati għan-negozji jibdew jingħataw minn Business 1st, kemm fuq bażi ta' appuntament u oħrajn li jingħataw kuljum. Kompla għaddej it-taħriġ lill-impjegati ta' Business 1st kif ukoll il-promozzjoni dwar servizzi offruti minn Business 1st kemm fuq il-midja soċjali kif ukoll permezz ta' laqgħat ta' informazzjoni indirizzati lejn negozjanti varji. | Kompliet il-ħidma ta' Business 1st, li huwa one-stop-shop speċjalizzat imwaqqaf taħt il-kappa ta' servizz.gov. Komplew jiżdiedu s-servizzi b'mod partikolari dawk relatati mal-VAT u t-Taxxi Interni. | | | Il-pubbliku | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 80 | Permezz ta' KPI għall-2018 se ssir riforma fil-qasam tal-artiġjanat Malti. | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għall-iżvilupp ta' portal ġdid għall-Artiġjanat Malti.<br><br>Bdiet ħidma fuq l-abbozz għal skema ġdida indirizzata għal min huwa lest li jħarreġ individwi li għandhom interess li jitgħallmu xi sengħa partikolari u għal dawk l-individwi li jinvestu biex jitgħallmu sengħa biex jibdew negozju.<br><br>Bdiet ħidma mill-perit u disinjatur fuq l-iżvilupp ta' ċentru fi Pjazza San Ġwann bil-għan li fih ikun hemm esebit l-artiġjanat u jsir bejgħ minn artiġjana tal-prodotti tagħhom.<br><br>Bdiet reviżjoni tal-liġi eżistenti dwar l-artiġjanat b'konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Artiġjanat. | Ġiet konkluża l-evalwazzjoni tal-portal tal-Artiġjanat u bdiet tiġi żviluppata s-sistema.<br><br>Intbagħtet notifika b'emendi lill-iState Aid Monitoring Board (SAMB) dwar l-iskema għal min hu lest li jħarreġ individwi f'xi sengħa partikolari.<br><br>Saru laqgħat mad-disinjatur u l-artista li fasslu pjan biex ikun rinovat iċ-ċentru fi Pjazza San Ġwann kif ukoll il-kunċett tal-post.<br><br>Komplew isiru l-emendi fuq il-liġi tal-Artiġjanat.<br><br>Tlesta d-disinn taċ-ċertifikat li ser jitwaħħal ma' prodotti ta' artiġjana reġistrati.<br><br>Bdiet diskussjoni mal-istakeholders dwar il-kunċett u d-disinn taċ-ċertifikat b'erba' lingwi. | Kompla l-iżvilupp tas-sistema tal-portal tal-Artiġjanat u l-SAMB approva l-linji gwida tal-iskema ta' taħriġ dwar snajja'.<br><br>Saru diskussjonijiet dwar l-aħjar mod ta' xiri għar-ristrutturar tal-post fi Pjazza San Ġwann u saret riċerka dwar l-ispiża relatata max-xogħol.<br><br>Saret reviżjoni tal-emendi proposti fil-liġi tal-Artiġjanat.<br><br>Beda jintwera reklamar marbut maċ-ċertifikat li jitwaħħal ma' prodotti ta' artiġjana reġistrati.<br><br>Ġew identifikati ħwienet li potenzjalment jistgħu jikkwalifikaw għaċ-ċertifikat. | Il-Portal tal-Artiġjanat Malti tlesta u ġie varat.<br><br>Tnediet l-iskema tat-taħriġ dwar snajja'.<br><br>Inkisbet l-approvazzjoni fuq il-kunċett tal-proġett taċ-ċentru fi Pjazza San Ġwann u bdiet tiġi ppreparata Request for Proposals biex tkun tista' toħroġ sejħa fis-suq.<br><br>Ġew approvati l-emendi fil-liġi dwar l-Artiġjanat, u bdiet konsultazzjoni mal-membri tal-Kunsill Malti għall-Artiġjanat u entitajiet oħra responsabbli.<br><br>Inkitbet l-applikazzjoni li permezz tagħha l-ħwienet se jkunu jistgħu japplikaw għaċ-ċertifikat.<br><br>Ġiet organizzata s-serata finali ta' Ġieħ l-Artiġjanat u ġew preżentati żewġ rikonoxximenti: (i) dak in-negozju li jippromovi / ibigħ artiġjanat Malti ta' artiġjana oħra; u | Il-pubbliku u artiġjana | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Bdiet tkun diskussa l-introduzzjoni ta' ċertifikat b'erba' lingwi għal dawk il-ħwienet li jbigħu artiġjanat maħdum minn artiġjana Maltin. L-artiġjana ġew mgħarrfa bl-introduzzjoni ta' żewġ kategoriji ġodda fil-kompetizzjoni Ġieħ l-Artiġjanat. | Tlestew il-kriterji tal-kategoriji l-ġodda tal-premju Ġieħ l-Artiġjanat u tnediet il-kompetizzjoni għas-sena 2018. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-premju Ġieħ l-Artiġjanat u saret esebizzjoni tal-prodotti f'Palazzo Zondadari. Bdew it-tħejjijiet għall-attivitá Ġieħ l-Artiġjanat. | (ii) Kunsilli Lokali li jinkoraġġixxu tagħlim ta' artiġjanat. | | |
| 49 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru- Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jkompli jwassal għall-qalba ta' numru ta' formoli f'eforms. | Kompla l-eżerċizzju intern flimkien mal-MITA u l-fornitur biex jiġu identifikati l-formoli li ser jinqalbu minn format PDF jew Word għal eform. Dan il-proċess wassal biex jiġu identifikati 40 formola ġdida biex jiġu maqluba din is-sena. | Bdiet ħidma fuq l-implimentazzjoni ta' numru ta' enhancements fis-sistema li se jwasslu biex jiġu maqluba 40 formola f'eforms. | Tlestew l-ewwel 16-il formola flimkien mat-testing. Kompliet il-ħidma fuq il-kumplament tal-formoli. | Tlestew 24 formola oħra u b'hekk ġew maqluba 40 formola f'eforms. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (mservices) permezz ta' żvilupp ta' apps u siti li huma kompatibbli ma' apparat elettroniku. Din is-sena ġie ppjanat l-iżvilupp ta':<br>1. National Trademark Register<br>2. SME Week Malta<br>3. Business 1st<br>4. Malta Industrial Parks<br>5. National Patent Register<br>6. Malta Crafts (phase 2)<br>7. Malta Intellectual Property<br>8. Enterprise Incentives<br><br>Dawn is-siti/apps huma kollha aċċessibbli minn maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti biex jinqalbu f'format kompatibbli ma' apparat elettroniku kif ukoll inġabret informazzjoni relatata mal-iżvilupp tal-apps identifikati. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ.<br><br>Tlestiet il-ħidma fuq l-ewwel 5 mservices u ġew imnedija fuq maltapps. | Kompla l-iżvilupp ta' aktar mservices. | Tlestew 3 mservices oħra u ġew imnedija fuq maltapps għal aċċess faċli għall-pubbliku. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL


edu
servizz.gov

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 | Introduzzjoni ta' servizz biex ir-riċerkaturi li jużaw il-Biblijoteka Nazzjonali, inkluż dawk barranin, ikunu jistgħu jirċievu l-materjal ordnat mill-istess Biblijoteka b'mod elettroniku permezz tal-WeTransfer. Permezz ta' din il-miżura, ir-riċerkaturi se jinqdew b'servizz aktar effiċjenti u jiffrankaw l-ispejjeż tal-pustaġġ ukoll. | Sar ix-xogħol meħtieġ u beda jingħata s-servizz li permezz tiegħu riċerkaturi jibdew jirċievu materjal ordnat bil-WeTransfer minflok b'CD jew b'email. | | | | Madwar 7,000 riċerkatur | Implimentata |
| 6 | Introduzzjoni ta' eApplicant Manual għall-għaqdiet volontarji. Sal-lum din l-informazzjoni mhix aċċessibbli onlajn u tingħata biss lill-għaqdiet volontarji li jattendu laqgħat ta' informazzjoni. L-eManual se jagħti struzzjonijiet pass pass lill-għaqdiet volontarji kollha dwar kif jimlew l-applikazzjonijiet għall-fondi u jagħmlu użu aħjar tal-fondi tagħhom. | Ġie ppreparat e-manual u tpoġġa fuq is-sit www.vofunding.org.mt.<br><br>Bdiet ukoll ħidma biex jittellgħu video clips li joffru assistenza fuq l-istess sit. | Tpoġġew mal-15-il video clip fuq is-sit, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, bħala gwida t'użu għall-portal.<br><br>B'hekk, persuni jistgħu jiksbu informazzjoni b'aktar faċilità dwar x'għandhom jagħmlu biex jiksbu fondi għal għaqdiet volontarji. | | | Madwar 1,500 għaqda volontarja | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7 | Jiġi żviluppat repożitorju onlajn tal-Kurrikulu tal-Programmi offruti mill-MCAST. Permezz ta' din il-miżura, il-letturi, id-diretturi u l-kapijiet tal-kulleġġi ser ikunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni dwar kull unit u kull kors fid-diversi kulleġġi u istituti fi ħdan l-MCAST. Dan għandu jservi biex it-tagħlim jitwassal għand l-istudent b'mod aktar koerenti u attwali. | Ġie żviluppat repożitorju elettroniku u ttella' onlajn. Din l-informazzjoni tinkludi, fost l-oħrajn, riżultati ta' tagħlim ta' korsijiet tal-MCAST. | | | | Madwar 700 lettur, diretturi u kapijiet tal-kulleġġi | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 | Introduzzjoni ta' sistema ġdida għall-immaniġġar tad-data tal-istudenti fl-MCAST. Permezz ta' din il-miżura, l-istudenti fl-MCAST ikollhom aċċess dirett għad-data tagħhom b'mod elettroniku. Din is-sistema ser toffri servizzi ġodda għall-istudenti, fosthom il-possibilità li jimmoniterjaw l-attendenza tagħhom; li jkun hemm ippjanar aħjar tal-lezzjonijiet kif ukoll li jkun hemm komunikazzjoni aħjar u aktar pronta mal-letturi. Il-letturi ser ikollhom aċċess aħjar għall-informazzjoni u dan iwassal għal management aħjar fil-kulleġġi u fl-istituti rispettivi tal-MCAST. | Twettqet ħidma marbtua mal-ħruġ ta' sejħa għall-offerti biex tibda tiġi żviluppata s-sistema tal-amministrazzjoni tad-data tal-istudenti. | Ħarġet is-sejħa għall-offerti biex tibda tiġi żviluppata s-sistema tal-amministrazzjoni tad-data tal-istudenti. | Intlaqgħu l-applikazzjonijiet u ġie konkluż il-proċess marbut mal-ħruġ tas-sejħa għall-offerti. | Ġie identifikat il-kuntrattur u beda l-iżvilupp tas-sistema. | Madwar 7,200 student, għalliema u amministraturi fl-MCAST | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 9 | L-Arkivji Nazzjonali għandhom bosta dokumenti, fosthom serje partikolari ta' applikazzjonijiet għall-passaporti, fejn sal-lum kull min jixtieq jirriċerka f'dawn id-dokumenti jrid imur l-Arkivji personalment u jfittex f'dawn id-dokumenti b'mod manwali. Permezz ta' din il-miżura se tiġi introdotta sistema biex riċerkaturi jkunu jistgħu jiksbu l-informazzjoni meħtieġa b'mod elettroniku u bla ħlas. | Bdiet u tlestiet il-ħidma fuq id-diġitalizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-passaporti. | Is-sistema l-ġdida tlestiet u bdiet tiġi evalwata. | Sar l-ittestjar finali marbut mas-sigurtà tas-sistema u l-verifika tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tar-riċerkaturi. | Is-sistema l-ġdida għall-benefiċċju tar-riċerkaturi tnediet u bdiet titħaddem. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 10 | Titħaffef is-sistema tar-reġistrazzjoni ta' riċerkaturi li jagħmlu użu mill-Arkivji Nazzjonali. Sal-lum kull min imur l-Arkivji jrid juri l-karta tal-identità jew passaport u jiffirma f'reġistru. Permezz ta' din is-sistema ġdida ta' Karta ta' Sħubija, jitħaffef dan il-proċess għal dawk li jżuru l-Arkivji. | Beda l-iżvilupp u tlesta x-xogħol fuq id-disinn tal-pjattaforma elettronika. | Is-sistema elettronika tlestiet u għaddiet għall-fażi ta' testing. | Sar ittestjar finali marbut mas-sigurtà tas-sistema u l-verifika tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tar-riċerkaturi. | Is-sistema l-ġdida għall-benefiċċju tar-riċerkaturi tnediet u bdiet titħaddem. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, permezz ta' KPI għall-2018, ser ikun qed jiftaħ one-stop-shop fil-Furjana flimkien ma' servizz.gov biex jintegra 63 servizz li bħalissa qed jiġu offruti mid-diversi dipartimenti u entitajiet fi ħdanu. | Twaqqaf Steering Committee biex isegwi l-implimentazzjoni ta' din il-KPI.<br><br>Tlestew il-pjanti u d-disinji tal-One-Stop-Shop (OSS) u ġew identifikati s-servizzi li ser jiġu offruti. | Tlesta l-business process reengineering tas-servizzi identifikati kif ukoll inħarġu s-sejħiet għall-ingaġġ tal-persunal. Beda x-xogħol ta' refurbishment tal-post identifikat kif ukoll sar pjan għal kampanja promozzjonali. | Kompla x-xogħol ta' refurbishment tal-post. Beda u tlesta l-programm ta' taħriġ għall-impjegati. | Tlesta x-xogħol ta' refurbishment u l-OSS, li ngħata l-isem edu-servizz.gov, beda joffri s-servizzi speċjalizzati lill-pubbliku. | Il-pubbliku, b'mod partikolari l-klijenti kollha tal-Ministeru u servizz.gov | Implimentata |
| 82 | Permezz ta' KPI għall-2018 se jiġu introdotti ħdax-il proċedura fl-iskejjel tal-Istat biex nagħtu aktar serħan tal-moħħ lill-edukaturi, niffaċilitaw ix-xogħol siewi tagħhom imma wkoll jingħata servizz aktar effiċjenti u f'anqas żmien lill-ġenituri u l-istudenti. | Ġew identifikati numru ta' servizzi li se jiġu standardizzati. Inħatru numru ta' working groups bil-għan li jfasslu Standard Operating Procedures (SOPs) speċifiċi għal dawn il-ħdax-il proċedura. | L-SOPs ġew abbozzati u tressqu għall-ivvettjar intern. | Inħarġet ċirkolari għal kull SOP, ġew organizzati laqgħat għall-Kapijiet tal-iskejjel, Prinċipali u uffiċjali oħra li jgħinu fl-amministrazzjoni sabiex jiġu spjegati l-SOPs. Inħareġ manwal diġitali bil-proċeduri kollha integrati fih. | Tnediet l-implimentazzjoni tal-11-il proċedura l-ġdida għall-benefiċċju tal-persunal tal-iskola, gwardjani tal-istudenti u studenti nfushom. | L-impjegati kollha fil-11-il kulleġġ, il-gwardjani u l-istudenti kollha tal-iskejjel tal-Istat (67 skola primarja, 26 skola sekondarja u 3 skejjel postsekondarji / madwar 34,860 ġenitur u student | Implimentata |
| 50 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jkompli jwassal għall-qalba ta' numru ta' formoli f'eforms. | Kompla l-eżerċizzju intern flimkien mal-MITA u l-fornitur biex jiġu identifikati l-formoli li ser jinqalbu minn format PDF jew Word għal eform. Dan il-proċess wassal biex jiġu identifikati 74 formola ġdida biex jiġu maqluba din is-sena. | Bdiet ħidma fuq l-implimentazzjoni ta' numru ta' enhancements fis-sistema li se jwasslu biex jiġu maqluba 74 formola f'eforms. Tlestew l-ewwel 37 formola ġdida. | Kompliet il-ħidma fuq il-kumplament tal-formoli. | Tlestew 37 formola oħra u b'hekk ġew maqluba 74 formola f'eforms. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 62 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (mservices) permezz ta' żvilupp ta' apps u siti li huma kompatibbli ma' apparat elettroniku. Din is-sena ġie ppjanat l-iżvilupp ta':<br><br>1. EduMalta<br>2. Free Childcare Scheme<br>3. Student Support Services<br>4. VO Funding<br>5. VO Funding (website)<br>6. Student Maintenance Grants Scheme<br>7. My Journey<br>8. Commissioner for VOs<br>9. myScholarships<br>10. Lifelong Learning<br>11. Provision Map (mAdmin)<br><br>Dawn is-siti/apps huma kollha aċċessibbli minn maltapps minbarra dik bl-isem Provision Map ġaladarba din hija ta' natura amministrattiva u hija aċċessibbli mill-Gov Intranet għall-ħaddiema konċernati. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti biex jinqalbu f'format kompatibbli ma' apparat elettroniku kif ukoll inġabret informazzjoni relatata mal-iżvilupp tal-apps identifikati. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ.<br><br>Tlestiet il-ħidma fuq l-ewwel 6 mservices ippjanati għal din is-sena u ġew imnedija fuq maltapps. | Kompla l-iżvilupp ta' aktar mservices. | Tlestew 5 mservices oħra u ġew imnedija fuq maltapps. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U L-IMMANIĠJAR TAL-ILMA



| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | Introduzzjoni ta' sistema elettronika għall-immaniġġjar tal-viżitaturi fir-reception areas tal-Ministeru u tad-dipartimenti u l-entitajiet fi ħdanu. | Tfasslu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-iżvilupp ta' sistema elettronika bi preparazzjoni għall-ħruġ ta' sejħa għall-offerti. Ġiet ippubblikata s-sejħa u saret l-aġġudikazzjoni tal-offerti milqugħa. | Intgħażel il-kuntrattur u bdiet ħidma fuq l-iżvilupp ta' sistema elettronika. Bdiet l-installazzjoni tas-sistema fir-reception areas tal-Ministeru. | Bdew modifikazzjonijiet adottati fis-sistema tal-Enemalta b'kollaborazzjoni ma' diversi entitajiet biex ikunu jistgħu jadottaw is-sistema għalihom. | Komplew id-diskussjonijiet mal-Enemalta u diversi entitajiet u s-sistema ġiet introdotta fil-Ministeru u fid-diversi entitajiet. | Il-viżitaturi tal-Ministeru, inkluż dipartimenti u entitajiet. | Implimentata |
| 12 | Introduzzjoni ta' sistema elettronika għall-immaniġġjar u l-approvazzjoni tas-sahra. | Bdiet ħidma fuq it-tfassil u l-iżvilupp tas-sistema. | Kompla l-iżvilupp tas-sistema elettronika għall-immaniġġjar tas-sahra. | Kompla l-iżvilupp tas-sistema elettronika għall-immaniġġjar tas-sahra. | Kompla l-iżvilupp tas-sistema elettronika għall-immaniġġjar tas-sahra u beda t-testing neċessarju. | Impjegati fi ħdan il-Ministeru | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 51 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru - Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jkompli jwassal għall-qalba ta' numru ta' formoli f'eforms. | Kompla l-eżerċizzju intern flimkien mal-MITA u l-fornitur biex jiġu identifikati l-formoli li ser jinqalbu minn format PDF jew Word għal eform. Dan il-proċess wassal biex jiġu identifikati 23 formola ġdida biex jinqalbu din is-sena. | Bdiet ħidma fuq l-implimentazzjoni ta' numru ta' enhancements fis-sistema li se jwasslu biex jinqalbu 23 formola f'eforms. | Tlestew l-ewwel 20 formola flimkien mat-testing. Kompliet il-ħidma fuq il-kumplament tal-formoli. | Tlestew 3 formoli oħra u b'hekk inqalbu 23 formola f'eforms. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 63 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (mservices) permezz ta' żvilupp ta' apps u siti li huma kompatibbli ma' apparat elettroniku. Din is-sena ġie ppjanat l-iżvilupp ta':<br>1. Enemalta PLC<br>2. ARMS Malta<br>3. Water<br>Dawn is-siti/apps huma kollha aċċessibbli minn maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti biex jinqalbu f'format kompatibbli ma' apparat elettroniku kif ukoll inġabret informazzjoni relatata mal-iżvilupp tal-apps identifikati. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ. | Kompliet il-ħidma fuq l-iżvilupp ta' mservices. | Tlestew it-3 mservices ippjanati għal din is-sena u tnedew fuq maltapps. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ U L-UGWALJANZA



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | Introduzzjoni ta' Simplified Cost Option biex jitħaffu l-proċessi relatati mal-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni. Is-simplifikazzjoni ser tiġi applikata f'miżuri finanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew relatati mat-taħriġ, fejn ser jiġu stabbiliti rati fissi ta' finanzjament. B'dan il-mod, kemm il-benefiċjarji kif ukoll l-entità li tamministra l-iskemi (Jobsplus) jitnaqqsilhom il-piż amministrattiv għat-tħaddim ta' dawn il-fondi. | Saru diskussjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea u ġew konklużi. Tlestew l-istudji dwar Simplified Cost Options u ġew determinati r-rati fissi. | Komplew it-taħditiet mal-istakeholders biex ikun żgurat li r-rati stabbiliti jirriflettu l-informazzjoni kollha. Dawn ir-rati ġew ukoll diskussi mal-Kummissjoni Ewropea. | L-istudji u l-konsultazzjonijiet neċessarji ġew konklużi u s-sistemi tal-IT ġew aġġornati u ttestjati. Din is-simplifikazzjoni qed tiġi applikata fl-iskema 'Investing in Skills' u ż-żewġ proġetti l-oħra li huma 'Youth Guarantee 2.0' u 'Training for Employment'. | | Benefiċjarji tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | Reviżjoni fil-proċess ta' applikazzjoni għal fondi Ewropej mill-imsieħba soċjali fl-MCESD. L-imsieħba soċjali se jingħataw assistenza diretta, b'templates u formoli simplifikati u aktar iffukati fuq ir-riżultat milli l-proċess. Ser jiġu preparati wkoll noti ta' gwida aktar konċiżi. Il-MEUSAC ser ikollu rwol aktar attiv biex jgħin lill-imsieħba soċjali japplikaw. | Saret analiżi tal-proċess ta' applikazzjoni għal fondi Ewropej u ġie determinat li l-aktar modifika li tista' tissimplifika l-proċess għall-applikant hi li l-applikant jingħata lista ta' risposti minn fejn jagħżel meta jiġi biex jimla applikazzjoni, minflok joqgħod jikteb fit-tul biex jispjega dak li jkun qed jintalab. Tħejja abbozz tal-applikazzjoni simplifikata u bdiet tiġi diskussa mal-MITA. | Ġie deċiż li t-tali proġett jiġi ffinanzjat taħt żewġ assi ta' prijorità. Bdiet ħidma fuq l-emendi meħtieġa biex tiġi adottata s-Simplified Cost Option. | Ir-regolament Ewropew ġie aġġornat u adottat. Saru taħditiet mal-MEUSAC biex tkun ipprovduta assistenza aktar komprensiva lill-imsieħba soċjali qabel tinħareġ is-sejħa għas-sottomissjoni ta' proġetti Ewropej. | | L-imsieħba soċjali fl-MCESD | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 | Simplifikazzjoni fil-mod kif SMEs se jkunu jistgħu jaċċessaw fondi taħt il-Business Enhance Scheme ffinanzjata mill-fondi Ewropej. Fil-preżent, din l-iskema hija marbuta ma' perjodu ta' applikazzjoni. Permezz ta' din il-miżura, l-SMEs ser ikunu jistgħu japplikaw meta jridu, mingħajr għaġla jew stennija żejda, peress li s-sejħa se tibda tkun miftuħa matul is-sena kollha. | Tfasslet l-aħħar skema taħt il-Business Enhance għall-SMEs. L-Open Rolling Call għall-iStart Up Investment Grant Scheme tnediet fi Frar. Għaldaqstant, is-sejħiet kollha taħt il-Business Enhance issa huma miftuħin b'mod kontinwu. | | | | SMEs | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | Jiġi simplifikat il-proċess għall-użu tal-fondi taħt l-iStructural Reform Support Programme (SRSP). Permezz ta' din il-miżura, kull min japplika taħt dan il-fond se jintalab jipprovdi l-informazzjoni tiegħu darba biss bil-għan li s-servizz jibda jingħata b'aktar effiċjenza. | Saret analiżi fuq il-livell ta' applikazzjoni bil-għan li tibda tinġabar l-informazzjoni b'mod ħolistiku u b'hekk jinftiehem aħjar x'inhu l-bżonn tal-applikant. Saru żewġ laqgħat mal-Kummissjoni Ewropea fejn ġew diskussi diversi punti fuq kif għandu jittejjeb il-proċess tal-applikazzjoni u dak ta' monitoraġġ. | Is-sistema l-ġdida ta' monitoraġġ fuq livell nazzjonali daħlet fis-seħħ wara qbil mal-Kummissjoni Ewropea.<br><br>Tfasslu suġġerimenti fir-rigward ta' kif jista' jiġi simplifikat il-proċess ta' applikazzjoni u ntbagħtu għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Saru wkoll għadd ta' laqgħat ma' kull Ministeru li qed jikkunsidra li jipproponi proġetti taħt dan il-programm sabiex l-informazzjoni li għandhom tidħol mill-ewwel fis-sistema. | Ġie kkomunikat l-abbozz finali mingħand il-Kummissjoni Ewropea li jirrifletti l-punti mqajma, b'riżultat li l-applikazzjonijiet huma aktar strutturati u jistgħu jsiru elettronikament. Għaldaqstant, is-sejħa għal proġetti ġiet imnedija lill-Ministeri b'formoli simplifikati. | | L-Amministrazzjoni Pubblika | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 18 | Reviżjoni tar-regolamenti dwar il-Liċenzja għall-Aġenziji tal-Impjieg bil-għan li dawn jirriflettu r-riforma li wettaq il-Gvern matul l-2017 fil-qasam tal-liċenzjar tan-negozji. | Tfassal l-ewwel abbozz ta' tibdil meħtieġ fir-regolamenti dwar il-Liċenzja għall-Aġenziji tal-Impjieg. Bdew id-diskussjonijiet u konsultazzjonijiet dwar it-tibdil propost għal-leġiżlazzjoni li tirregola dan il-qasam. | Kompliet il-konsultazzjoni fuq it-tibdil propost. Saru t-tħejjijiet biex il-bidliet proposti jitressqu għad-diskussjoni fl-Employment Relations Board. | Kompliet il-konsultazzjoni ma' diversi stakeholders, inkluż mal-korpi u l-oqsma kompetenti, rigward l-aspett ta' traffikar ta' persuni li jeħtieġ li jkun ikkunsidrat qabel issir din ir-reviżjoni. | Beda studju intern biex ikun evalwat kif il-qasam tal-Aġenziji tal-Impjieg huwa rregolat f'pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea. Tkompla l-proċess ta' konsultazzjoni rigward l-aspett ta' traffikar ta' persuni li huwa meħtieġ li jsir qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni fuq il-materja. | Madwar 90 Aġenzija tal-Impjieg li jinkludu applikazzjonijiet ġodda u renewals | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 83 | Id-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jkun punt ta' referenza u ta' servizz għall-impjegati u għal min iħaddem u jgħin sabiex tissaħħaħ ir-relazzjoni tal-partijiet involuti. Permezz ta' din il-KPI ser insaħħu s-servizzi tad-Dipartiment biex tingħata għajnuna aħjar lill-klijenti tiegħu. Ser isir Business Process Reengineering tal-proċessi mħaddma sal-lum. Dan it-tisħiħ ser jinkludi wkoll kordinazzjoni ma' servizz.gov kif ukoll rinnovazzjoni tad-Dipartiment biex ikun jista' jingħata servizz ta' kwalità lill-klijenti. | Ġie stabbilit Steering Committee bil-għan li jsegwi l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett. Saret ħidma fuq it-tfassil ta' tender għax-xogħlijiet fil-binja minn fejn jopera d-Dipartiment u tressqet għall-approvazzjoni tal-fondi meħtieġa. Bdiet ħidma fuq l-iżvilupp ta' sistema ġdida tat-teknoloġija tal-informatika. Sar ukoll xogħol ta' manutenzjoni fl-uffiċini fejn temporanjament kienu ser jiġu rilokati impjegati fi ħdan id-Dipartiment waqt ir-rinnovazzjoni meħtieġa. | Komplew il-laqgħat regolari tal-iSteering Committee dwar it-tmexxija tal-proġett. It-tender ġie ppubblikat u bdiet l-evalwazzjoni. Kompliet il-ħidma ta' restawr tal-faċċata tal-binja minn fejn jopera d-Dipartiment kif ukoll fuq l-iżvilupp tas-sistema l-ġdida tat-teknoloġija tal-informatika. Tlestew l-abbozzi tat-testi li ser jintużaw fil-kampanja ta' għarfien dwar it-tibdil li qed jitwettaq f'dan il-qasam. Kompliet il-ħidma rigward l-integrazzjoni ma' servizz.gov. | Tlestiet l-evalwazzjoni tat-tender bir-riżultat ikun li l-ebda offerta ma kienet eliġibbli. Tkompla x-xogħol fuq ir-restawr tal-faċċata. Kompliet il-ħidma ma' servizz.gov, u s-sistema l-ġdida tat-teknoloġija tal-informatika. Komplew il-laqgħat regolari tal-iSteering Committee. Tnediet ukoll ħidma dwar branding ġdid u Quality Service Charter, kif ukoll tħejjija għal kampanja ta' għarfien dwar il-ħidma tad-Direttorat. | Beda x-xogħol strutturali fuq il-binja. Kompliet ħidma ma' servizz.gov u s-sistema l-ġdida tat-teknoloġija tal-informatika. Issokta x-xogħol fuq il-branding u tlesta l-Quality Service Charter għad-Direttorat. | Klijenti tad-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali kif ukoll impjegati fl-istess Dipartiment | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 52 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru - Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jkompli jwassal għall-qalba ta' numru ta' formoli f'eforms. | Kompla l-eżerċizzju intern flimkien mal-MITA u l-fornitur biex jiġu identifikati l-formoli li ser jinqalbu minn format PDF jew Word għal eform. Dan il-proċess wassal biex jiġu identifikati 24 formola ġdida biex jinqalbu din is-sena. | Bdiet ħidma fuq l-implimentazzjoni ta' numru ta' enhancements fis-sistema li se jwasslu biex jinqalbu 24 formola f'eforms. | Tlestew l-ewwel 18-il formola flimkien mat-testing. Kompliet il-ħidma fuq il-kumplament tal-formoli. | Tlestew 6 formoli oħra u b'hekk inqalbu 24 formola f'eforms. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 64 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (mservices) permezz ta' żvilupp ta' apps u siti li huma kompatibbli ma' apparat elettroniku. Din is-sena ġie ppjanat l-iżvilupp ta':<br><br>1. Bsafe@work<br>2. EU Funding<br><br>Dawn is-siti/apps huma kollha aċċessibbli minn maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti biex jinqalbu f'format kompatibbli ma' apparat elettroniku kif ukoll inġabret informazzjoni relatata mal-iżvilupp tal-apps identifikati. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ.<br><br>Tlesta l-iżvilupp fuq l-mservices identifikati u ttellgħu fuq maltapps. | | | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-FINANZI



| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 118 | Introduzzjoni ta' European Single Procurement Document li jiffaċilita l-mod kif jiġu sottomessi offerti għax-xiri pubbliku tal-Gvern. Permezz ta' din is-sistema, persuna m'għandhiex għalfejn toqgħod tissottometti l-informazzjoni ma' kull offerta, iżda tirreġistra l-profil tagħha darba biss. | Tfassal pjan ta' ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura u bdew id-diskussjonijiet mal-partijiet konċernati. | Tlestew id-diskussjonijiet u bdiet ħidma fuq l-iżvilupp meħtieġ fl-eprocurement system. | Tlesta l-iżvilupp u beda t-testing flimkien mat-taħriġ lill-ħaddiema involuti. | Tlesta t-taħriġ u ġew organizzati laqgħat informattivi ma' dawk interessati fix-xiri pubbliku. Is-sistema bdiet titħaddem permezz ta' proġett pilota. | Dawk kollha interessati fix-xiri pubbliku flimkien mal-Amministrazzjoni Pubblika | Implimentata |
| 84 | Twaqqif ta' one-stop-shop ċentrali permezz ta' KPI biex it-taxpayer ikun jista' jinqeda minn post wieħed fuq dak kollu li jikkonċerna materji ta' tassazzjoni. | Ġie identifikat is-sit minn fejn se jibda jopera l-One-Stop-Shop (OSS) il-ġdid. Ġew iffinalizzati d-disinji tal-post mill-perit. Intgħażel il-logo għall-One-Stop-Shop il-ġdid. Bdew ukoll arranġamenti mal-Maltapost biex pagamenti mingħand taxpayers jibdew jintlaqgħu wkoll mill-fergħat tagħhom jew b'mod elettroniku. | L-arranġament mal-Maltapost daħal fis-seħħ. Ħareġ it-tender mid-Dipartiment tal-Kuntratti li jittratta xogħlijiet strutturali fl-OSS. Beda l-proċess ta' aġġudikazzjoni. Beda wkoll xogħol fuq it-tisħiħ tal-customer relations management system flimkien ma' servizz.gov. | Ġie magħżul il-kuntrattur u bdew ix-xogħlijiet strutturali. Ingħata taħriġ lill-impjegati u bdiet ħidma fuq il-kampanja pubbliċitarja. | Tlestew ix-xogħlijiet strutturali. Kompliet il-ħidma fuq it-tisħiħ tal-customer relations management system bi tħejjija għall-ftuħ uffiċjali tal-OSS fil-bidu tal-2019. | Il-pubbliku u ħaddiema fi ħdan id-Dipartiment | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 85 | Permezz ta' KPI, l-amministrazzjoni tal-IRD u l-VAT issir waħda ċentrali fejn tittratta t-tassazzjoni. Dan isir permezz ta' strutturi ġodda, gradi ġodda u speċjalizzazzjoni. Ikun hemm razzjonalizzazzjoni tal-proċessi kollha preżenti biex b'hekk it-taxpayer ikun jista' jinqeda aħjar. | Twaqqaf Project Team għall-monitoraġġ ta' din il-KPI. Bdew jiġu analizzati l-proċessi interni u saru laqgħat ma' servizz.gov. Ġew identifikati t-tibdiliet meħtieġa fil-liġijiet u l-proċeduri biex ikun hemm aktar uniformità u simplifikazzjoni. Intlaħaq ukoll arranġament ma' servizz.gov biex il-funzjonijiet ta' Customer Care li kienu jingħataw minn Birkirkara u l-Furjana jibdew isiru mill-uffiċċji ta' Business 1st fl-Imrieħel. Ġew sottomessi d-disinji finali kemm tas-sit ta' Birkirkara kif ukoll tal-Furjana. Intgħażel il-logo l-ġdid tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi. | Beda jopera l-Customer Care Unit f'Business 1st fl-Imrieħel. Inħareġ it-tender mid-Dipartiment tal-Kuntratti li jkopri xogħlijiet relatati mal-binja tal-VAT f'Birkirkara u beda l-proċess ta' evalwazzjoni. Kompla x-xogħol fuq ir-review tal-proċessi tat-Taxpayer Services biex il-proċessi kollha jitqiegħdu fi struttura waħda. | Il-Project Team baqa' jsegwi l-implimentazzjoni. Tlesta r-rapport finali dwar l-assimilazzjoni tal-proċessi interni u ġie konkluż il-manwal li jinkludi d-dokumentazzjoni relevanti dwar il-proċessi l-ġodda li jrid jiġi segwit mill-impjegati tal-Customer Care. Ingħata t-taħriġ neċessarju fuq dan il-manwal lill-impjegati kkonċernati. Bdew tliet kampanji pubbliċitarji fuq il-midja: waħda fuq il-Kontribuzzjonijiet Proviżorji tat-Taxxa / tas-Sigurtà Soċjali, oħra fuq l-obbligu li tissottometti l-formoli onlajn u oħra rigward l-għeluq tal-Floriana Cash Office. Bdew jitqassmu wkoll flyers lit-taxpayers annessi mal-formoli tal-claims, dikjarazzjonijiet ta' debitu u VAT Returns, b'informazzjoni | Il-Project Team kompla bil-ħidma tiegħu u stabbilixxa dati ta' tlestija fuq diversi proċessi li qed jiġu amalgamati bħala parti minn din il-KPI. Tkomplew ix-xogħlijiet infrastrutturali. Saru emendi legali li jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta' proċessi. Kompliet għaddejja l-kampanja pubbliċitarja bl-għan li tkompli tippromovi s-servizzi onlajn il-ġodda. | Kull min juża s-servizzi relatati mal-VAT u t-Taxxa tad-Dħul | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | dwar il-faċilità tal-pagamenti onlajn. Intgħażel il-kuntrattur u beda x-xogħol strutturali fil-binja ta' Birkirkara. | | | |
| 86 | Id-Dipartiment tal-Kuntratti se jsaħħaħ il-Compliance u l-Monitoring Unit permezz ta' KPI b'enfasi fuq il-monitoraġġ u l-immaniġġjar tal-kuntratti waqt l-implimentazzjoni. Dan ser iseħħ flimkien maż-żieda ta' aktar Ministerial Procurement Units, l-introduzzjoni ta' sistema ta' punti, it-tfassil ta' speċifikazzjonijiet tekniċi bażiċi u reviżjoni tal-proċessi interni mħaddma mill-istess Dipartiment. | Tfassal pjan ta' kif ser titwettaq din il-KPI. Ġew identifikati r-riżorsi. Bdew ukoll il-konsultazzjonijiet meħtieġa mal-Awtoritajiet Kontraenti involuti. Beda jingħata taħriġ fix-xiri pubbliku fuq livell aktar avvanzat u prattiku. Bdiet ħidma mid-Dipartiment tal-Kuntratti biex jiġu identifikati l-Awtoritajiet Kontraenti fejn jista' jiġi propost biex jiġi stabbilit pool ta' evalwaturi sabiex ikun jista' jiġi mħaffef il-proċess tal-evalwazzjoni. | Komplew il-laqgħat mal-Awtoritajiet Kontraenti involuti u dipartimenti oħra, fosthom l-Avukat Ġenerali. Ġie ppubblikat il-Framework Agreement għas-Servizzi Professjonali u bdew jitwaqqfu Ministerial Procurement Units (MPUs) ġodda f'diversi Ministeri. Ġew magħżula wkoll l-ewwel pools ta' evalwaturi f'Awtoritajiet Kontraenti diversi. | Ġiet fi tmiemha l-fażi konsultattiva u nbdew proċessi ta' xiri pubbliku, inkluż pubblikazzjoni tal-ewwel Sistema ta' Xiri Dinamika (DPS) biex fost l-oħrajn jinxtraw servizzi professjonali esterni. Tlesta r-rapport dwar is-sistema ta' punti, li jinkludi wkoll reviżjoni tal-Completion Report li fihom jinsabu rakkomandaz-zjonijiet konkreti fuq kif tista' tiġi implimentata din is-sistema. Ġew ippubblikati flimkien maċ-ċirkulari relevanti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi bażiċi fuq servizzi ta' sigurtà u provvista ta' apparat għall-ikkondizzjonar tal-arja. | Kompla jingħata t-taħriġ lill-uffiċjali pubbliċi. Il-ħidma mid-Dipartiment tal-Kuntratti ser tkompli tibni fuq dak miksub permezz ta' miżura għall-Baġit 2019. | Entitajiet Kontraenti u l-Operaturi Ekonomiċi | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Ġie ppubblikat aġġornament tal-liġi għax-xiri pubbliku li jirrifletti bidliet milħuqa. Tlestiet l-evalwazzjoni tal-Framework Agreement u beda x-xogħol fuq it-tfassil tal-irwoli u funzjonijiet tal-Aġenzija. | | | |
| 87 | Tiġi implimentata sistema onlajn biex persuna tapplika għal grants mogħtija dwar tiġijiet, funerali, roti u pedelecs, strumenti mużikali u ċerimonji tal-qassisin. Il-grants dwar persuni b'diżabilità jiġu inklużi f'din is-sistema onlajn. Permezz ta' din is-sistema onlajn, il-grants jibdew jitħallsu permezz tas-SEPA fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mid-data tal-applikazzjoni. B'hekk jitnaqqas drastikament it-tul tal-proċess, li kien jieħu sa tliet xhur. | Ġiet żviluppata sistema elettronika u ttellgħet onlajn. B'hekk, b'effett minn Jannar, l-applikazzjonijiet bdew jintlaqgħu onlajn u bdew jiġu pproċessati u mħallsa f'mhux aktar minn ħamest ijiem ta' xogħol mid-data tal-applikazzjoni. | Kompliet il-ħidma sabiex aktar applikazzjonijiet isiru aċċessibbli elettronikament minn din is-sistema. Għaldaqstant, ġew żviluppati żewġ eforms ġodda, waħda dwar Grant fuq Xiri ta' Apparat minn Persuni b'Diżabilità u l-oħra li tirrigwarda x-xiri ta' roti għal skop li jiġu mikrija. | Tlesta l-iżvilupp taż-żewġ eforms ġodda u ttellgħu fis-sistema. B'hekk, klijenti qed jirċievu l-pagamenti tagħhom fi żmien ħamest ijiem mill-applikazzjoni. | | Il-pubbliku, b'medja ta' madwar 6,000 applikazzjoni fis-sena | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 94 | Bini ta' kumpless ġdid f'Xatt il-Laboratorju, Ras Ħanżir, biex jilqa' fih uffiċċju tad-Dwana u uffiċini tal-Valletta Gateway Terminal. Fil-preżent id-dipartiment jagħti s-servizzi tiegħu minn mobile container fuq il-moll ta' Xatt il-Laboratorju stess. | Ġie identifikat is-sit fejn ser isir dan il-proġett. Tlesta l-abbozz tal-kuntratt għall-bini ta' uffiċini ġodda mit-tim legali tad-Dwana u l-Valletta Gateway Terminal (VGT). | Kompliet ħidma biex jintlaħaq ftehim legali bejn id-Dwana u l-Valletta Gateway Terminal u beda x-xogħol fuq il-pjanti tal-kumpless il-ġdid. | Komplew id-diskussjonijiet bejn id-Dwana u l-Valletta Gateway Terminal dwar il-ftehim legali kif ukoll tkompla x-xogħol fuq il-pjanti tal-kumpless il-ġdid. | Il-pjanti ġew finalizzati u approvati min-naħa tad-Dwana. Inbeda l-proċess ta' applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar mill-Valletta Gateway Terminal. | Il-pubbliku u l-impjegati fi ħdan din is-sezzjoni | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 95 | Rilokazzjoni tal-uffiċini tal-Enforcement Unit, ir-Research & Development Unit u n-Non-Proliferation Unit mill-Belt Valletta lejn Ħal Luqa. | Ġie identifikat il-kuntrattur u tfassal pjan ta' ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Beda x-xogħol infrastrutturali fuq il-binja l-ġdida. | Kompla x-xogħol infrastrutturali. | Ix-xogħol infrastrutturali tlesta u b'hekk is-sezzjoni bdiet topera minn dawn l-uffiċini. Saret ir-rilokazzjoni tal-uffiċini msemmija f'Ħal Luqa. | Il-pubbliku u l-impjegati fi ħdan din is-sezzjoni | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 96 | Id-Dipartiment tad-Dwana se jkompli jissaħħaħ permezz ta':<br><br>(a) Kumpless ġdid f'Ħal Far biex jilqa' fih il-Canine Unit.<br><br>(b) Se jinxtraw ukoll tmint iklieb, jiġu ingaġġati tmien dog handlers u canine team instructor, u jingħata taħriġ professjonali kemm lill-canine team kif ukoll lill-instructor. | (a) Inkiteb it-tender għall-kostruzzjoni tal-kumpless ġdid u ġie ppubblikat.<br><br>(b) Ġie magħżul il-kuntrattur li ser jissupplixxi l-klieb u t-taħriġ neċessarju. Beda wkoll il-proċess ta' reklutaġġ għall-pożizzjoni ta' canine handlers u canine team instructor. | (a) Beda l-proċess tal-evalwazzjoni tal-offerti mill-bord tal-għażla.<br><br>(b) Ġew appuntati l-canine team instructor u tmien canine handlers. Ingħata t-taħriġ lil dawn il-ħaddiema, waslu t-tmint iklieb u beda t-taħriġ tagħhom ukoll. | (a) Kompla l-proċess tal-evalwazzjoni tat-tender għall-kostruzzjoni tal-kumpless il-ġdid.<br><br>(b) Tlesta t-taħriġ u l-handlers flimkien mal-klieb tagħhom bdew iwettqu l-ħidma fid-Dwana. | (a) Il-proċess tal-evalwazzjoni tat-tender ġie fi tmiemu u r-rapport finali tal-evalwazzjoni ntbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-approvazzjoni tiegħu.<br><br>(b) It-taħriġ jingħata fuq bażi kontinwa. | Impjegati fi ħdan din is-sezzjoni | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 97 | Akkwist ta' għodda teknoloġika u analitika mid-Dipartiment tad-Dwana biex tintuża speċifikament għal skopijiet ta' investigazzjoni. | Intgħażel il-fornitur u ġew installati l-kompjuters flimkien mas-software l-ġdid. | Bdiet ħidma fuq il-bini tad-dejta minn sorsi differenti biex tkun tista' tintuża minn din is-sistema. | Il-ħidma fuq l-għodda teknoloġika tlestiet u bdiet titħaddem. | | Impjegati fi ħdan din is-sezzjoni | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 98 | Issir kampanja ta' għarfien pubbliku kontra l-kuntrabandu tas-sigaretti. | Saret analiżi ta' numru ta' rapporti dwar dan is-suġġett flimkien ma' numru ta' laqgħat interni kif ukoll mal-istakeholders. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders biex jiġu spjegati l-għanijiet tal-kampanja. | Id-diskussjonijiet mal-istakeholders trattaw il-mod kif il-pubbliku jiġi mgħarraf dwar l-iżvantaġġi ta' akkwist ta' sigaretti miġjuba Malta klandestinament jew irregolari. | Il-kampanja ta' għarfien inkitbet u ġiet varata permezz ta' diversi inizjattivi kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. | Il-pubbliku u l-istakeholders fil-qasam tal-importazzjoni tas-sigaretti | Implimentata |
| 53 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru - Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jkompli jwassal għall-qalba ta' numru ta' formoli f'eforms. | Kompla l-eżerċizzju intern flimkien mal-MITA u l-fornitur biex jiġu identifikati l-formoli li ser jinqalbu minn format PDF jew Word għal eform. Dan il-proċess wassal biex jiġu identifikati 42 formola ġdida biex jinqalbu din is-sena. | Bdiet ħidma fuq l-implimentazzjoni ta' numru ta' enhancements fis-sistema. Tlestew l-ewwel 19-il formola ġdida. | Kompliet il-ħidma fuq il-kumplament tal-formoli. Tlestew 13-il formola ġdida. | Tlestew 7 formoli oħra u b'hekk din is-sena jinqalbu 39 formola f'eforms. Kompliet il-ħidma biex il-kumplament tal-formoli jinqalbu f'format eform. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 65 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (mservices) permezz ta' żvilupp ta' apps u siti li huma kompatibbli ma' apparat elettroniku. Din is-sena ġie ppjanat l-iżvilupp ta':<br><br>1. myTax Toolkit (phase 2)<br>2. Malta Customs (phase 2)<br>3. Grants<br>4. National Import System (mAdmin)<br>5. myTax Toolkit (phase 3)<br><br>Dawn is-siti/apps huma kollha aċċessibbli minn maltapps minbarra dik bl-isem National Import System ġaladarba din hija ta' natura amministrattiva u hija aċċessibbli mill-Gov Intranet għall-ħaddiema konċernati. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti biex jinqalbu f'format kompatibbli ma' apparat elettroniku kif ukoll inġabret informazzjoni relatata mal-iżvilupp tal-apps identifikati. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ.<br><br>Tlestiet il-ħidma fuq l-ewwel 3 mservices ippjanati għal din is-sena u ġew imnedija fuq maltapps. | Kompla l-iżvilupp ta' aktar mservices. | Tlestew 2 mservices oħra u ġew imnedija fuq maltapps. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU


TING BATTERY

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 19 | Introduzzjoni ta' sistema ta' komunikazzjoni aktar effiċjenti għall-istudenti fl-ITS. Fil-preżent il-komunikazzjoni mal-istudent issir permezz tal-imejl jew tat-telefown. Bis-sistema l-ġdida tal-SMS, l-istudenti titwasslilhom l-informazzjoni b'mod aktar pront. | Intgħażel il-fornitur u s-sistema ġiet aġġornata.<br><br>Twettaq l-ittestjar neċessarju fuq is-sistema.<br><br>Is-sistema ta' komunikazzjoni mal-istudenti permezz ta' SMS bdiet titħaddem fit-totalità tagħha. | | | | L-istudenti kollha tal-ITS | Implimentata |
| 20 | Tiddaħħal sistema fuq pjattaforma elettronika internazzjonali fejn studenti u kumpaniji internazzjonali jkunu jistgħu jikkomunikaw biex jikkonkludu internships barra l-pajjiż. Fil-preżent, din il-komunikazzjoni ssir b'mod manwali. | L-informazzjoni dwar l-istudenti u l-ITS ittellgħet fuq il-pjattaforma diġitali sabiex tkun aċċessibbli mill-partners internazzjonali.<br><br>Ġew ukoll magħżula l-istudenti li ser jattendu għall-internships barra minn Malta, kif ukoll il-partners li ser jilqgħu lil dawn l-istudenti.<br><br>Il-proċess tal-interviews lill-istudenti beda permezz tal-pjattaforma diġitali.<br><br>Bdew ukoll il-laqgħat preparatorji mal-istudenti li għaddew mill-proċess tal-interview. | L-istudenti bdew it-taħriġ tagħhom barra minn Malta u b'hekk, din il-miżura ġiet implimentata. | | | L-istudenti kollha tal-ITS | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Simplifikazzjoni tal-proċedura biex sidien ta' stabbilimenti tal-ikel japplikaw għal-liċenzja tal-imwejjed u s-siġġijiet. | Saru diskussjonijiet bejn il-partijiet konċernati (l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, l-Awtorità tal-Ippjanar u d-Dipartiment tal-Artijiet) sabiex jitfassal pjan t'azzjoni għat-twettiq ta' din il-miżura. Dan sabiex jiġi żgurat li l-applikant ikollu punt ta' referenza wieħed, u għalhekk jitnaqqas in-numru ta' proċeduri u jiġi simplifikat il-proċess. | Bdew it-tħejjijiet mill-Ministeru għat-Turiżmu fuq l-emendi neċessarji fil-liġi. Kompliet il-ħidma bejn l-Awtorità tal-Ippjanar u d-Dipartiment tal-Artijiet ta' kordinament fuq l-implimentazzjoni tal-proċedura l-ġdida sabiex din il-miżura tkun tista' tiġi fis-seħħ. | Ġie maqbul li l-proċess amministrattiv il-ġdid marbut mal-liċenzjar tal-imwejjed u siġġijiet jiġi kordinat kemm mid-Dipartiment tal-Artijiet kif ukoll mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Ġie finalizzat l-abbozzar tar-reviżjoni tal-Avviż Legali li jinkludi numru ta' rakkomandazzjonijiet.<br><br>Ġie abbozzat ukoll Test Report għan-Negozji Żgħar u Medji, li jinkludi wkoll linji gwida ta' kif ser tkun il-proċedura l-ġdida. | Kull operatur li japplika għal-liċenzja tal-imwejjed u siġġijiet | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 66 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (mservices) permezz ta' żvilupp ta' apps u siti li huma kompatibbli ma' devices elettroniċi. Din is-sena ġie ppjanat l-iżvilupp ta':<br><br>1. ITS Now<br>2. VisitMalta<br>3. ITS Now (phase 2)<br><br>Dawn is-siti/apps huma kollha aċċessibbli minn maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti biex jinqalbu f'format kompatibbli ma' devices elettroniċi kif ukoll inġabret informazzjoni relatata mal-iżvilupp tal-apps identifikati. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ.<br><br>Tlestiet il-ħidma fuq l-ewwel 2 mservices ippjanati għal din is-sena u ġew imnedija fuq maltapps. | Kompla l-iżvilupp ta' aktar mservices. | Tlesta mservice ieħor bl-isem ta' ITS Now (phase 2) u ġie mniedi fuq maltapps. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ NAZZJONALI


EUROCARGO
CHINETTI
IVECO
112
GVH-434

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 22 | Introduzzjoni ta' sistema ta' Fire Crisis u eDisaster Management għall-Protezzjoni Ċivili. | Beda l-proċess biex is-sistema telefonika tiġi aġġornata fis-siti kollha tal-Protezzjoni Ċivili. Ġie ordnat ukoll it-tagħmir kollu neċessarju kif ukoll is-server. | Saret dimostrazzjoni dwar kif il-funzjonijiet attwali tal-Fire Crisis ser jiġu integrati mas-soluzzjoni eżistenti tal-112, kif ukoll bdiet l-installazzjoni tas-software u l-hardware l-ġdid. | Kompliet l-installazzjoni ta' software u hardware u tnieda l-programm ta' taħriġ għall-uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili u l-uffiċjali pubbliċi fi ħdan l-uffiċċju taċ-Chief Information Officer. | Tlestiet l-installazzjoni. Sar it-testing u ġie fi tmiemu l-programm ta' taħriġ għall-uffiċjali involuti kif akkreditat minn akkademja internazzjonali. | Il-pubbliku flimkien ma' uffiċjali fi ħdan id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | Implimentata |
| 23 | Żvilupp ta' National Asylum Seekers Management Solution (NASMS) li permezz tagħha tiġi simplifikata ż-żamma tad-data dwar l-immigranti. L-informazzjoni se tinġabar f'database waħda u l-entitajiet ikkonċernati jkollhom aċċess għaliha skont il-ħtiġijiet tagħhom. | Ġie ffinalizzat qafas għall-iżvilupp ta' pjattaforma elettronika ġdida. Beda xogħol ta' vvettjar tad-data minn kull entità konċernata li se tipprovdi informazzjoni dwar immigranti għas-sistema l-ġdida. | Tlesta l-iżvilupp tal-ewwel fażi tas-sistema l-ġdida li wasslet għal aċċess instantanju kemm għall-informazzjoni eżistenti dwar l-immigranti kif ukoll iċ-ċans li tiddaħħal informazzjoni ġdida. Beda studju flimkien mal-NSO biex dawn ikollhom parti mis-sistema elettronika tagħhom integrata ma' dik tan-NASMS. | Bdiet il-fażi ta' integrazzjoni mas-sistema tal-NSO. Dan se jservi biex l-NSO jkollhom aċċess remot u informazzjoni għall-fini ta' statistika. | Ġiet żviluppata s-sistema u daħlet fis-seħħ. | Il-pubbliku u l-entitajiet konċernati | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 67 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (mservices) permezz ta' żvilupp ta' apps u siti li huma kompatibbli ma' devices elettroniċi. Din is-sena ġie ppjanat l-iżvilupp ta':<br><br>1. Kondotti<br>2. 112mt (phase 2)<br>3. Kondotti (phase 2)<br>4. ARMI<br><br>Dawn is-siti/apps huma kollha aċċessibbli minn maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti biex jinqalbu f'format kompatibbli ma' devices elettroniċi kif ukoll inġabret informazzjoni relatata mal-iżvilupp tal-apps identifikati. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ.<br><br>Tlestiet il-ħidma fuq l-ewwel 2 mservices ippjanati għal din is-sena u ġew imnedija fuq maltapps. | Kompla l-iżvilupp ta' aktar mservices. | Tlestew 2 mservices oħra u ġew imnedija fuq maltapps. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 24 | Simplifikazzjoni fil-mod kif jinġabru spejjeż relatati ma' inkjesti f'kawżi li jkunu ġew ċeduti. Fil-preżent dawn l-ispejjeż jinġabru b'mod manwali. B'hekk, se tiġi introdotta sistema elettronika li tippermetti l-ġbir ta' spejjeż onlajn. L-ispejjeż se jibdew jinġabru b'aktar effiċjenza. | Saru taħditiet mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali dwar l-emenda fil-liġi li hemm bżonn għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Saret diskussjoni mal-MITA dwar ix-xogħol meħtieġ. | Komplew it-taħditiet mal-membri tal-Ġudikatura dwar l-emendi legali u bdew jinkitbu mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali filwaqt li bdiet ħidma mal-MITA dwar l-aspett tekniku fis-sistema elettronika tal-ħlas. | Is-sistema elettronika tlestiet u beda t-testing tagħha. | Tlesta t-testing flimkien mal-emendi legali għall-approvazzjoni meħtieġa. | Kull min hu involut f'kawżi kriminali li ġew ċeduti fejn saru spejjeż relatati ma' inkjesti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 25 | Reviżjoni permezz ta' emenda legali li tneħħi l-obbligu tal-ħruġ tal-ewwel notifika għad-depożitu tal-Atti Pubbliċi. B'hekk, dawn l-atti se jkunu jistgħu jiġu depożitati fl-Arkivju b'mod aktar effiċjenti. | Saru laqgħat ta' konsultazzjoni mal-Kunsill Nutarili fejn ġew spjegati l-emendi proposti. Dawn l-emendi ġew ikkomunikati lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali sabiex jinkiteb l-abbozz għal reviżjoni legali. | Saru laqgħat bejn l-Uffiċċju tal-Qorti u l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li wasslu għat-tħejjija tal-abbozz bl-emendi legali. | L-emendi ġew ippreżentati u approvati mill-Parlament. | | Il-pubbliku, b'mod partikolari nutara pubbliċi | Implimentata |
| 26 | Digrieti tal-Qorti Ċivili (Ġuriżdizzjoni Volontarja) jibdew jiġu notifikati lill-avukati u n-nutara li jippreżentawhom permezz ta' imejl u b'hekk dawn ikunu f'pożizzjoni li jieħdu l-azzjoni meħtieġa f'anqas żmien. | Saru laqgħat interni flimkien mal-MITA biex jiġi maqbul pjan ta' azzjoni. | Beda x-xogħol fuq l-iżvilupp ta' din is-sistema mill-MITA u s-sistema bdiet tiġi popolata bl-indirizzi elettroniċi tan-nutara. | Id-dettalji tan-nutara ġew abbinati mal-atti li jidħlu fil-Qorti. Beda wkoll testing fuq is-sistema. | Tlestiet is-sistema u b'hekk bdew jintbagħtu n-notifiki lill-avukati u n-nutara b'mod aktar effiċjenti permezz ta' imejl. | Avukati u nutara | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 27 | Introduzzjoni ta' sistemi elettroniċi fil-Qorti bil-għan li jgħinu l-operat jikseb aktar effiċjenza fil-ħidma tiegħu fosthom:<br>(a) Installazzjoni ta' monitors fil-bini tal-Qorti biex tingħata informazzjoni dwar il-kawżi appuntati għall-ġurnata.<br>(b) Titjib fis-sistema tal-video conferencing, fis-sistema tas-CCTV/video-link u tal-audio recording f'Awla A.<br>(ċ) Titjib fis-sistema tas-CCTV/video-link/audio recording fl-awla fejn isiru s-seduti tal-Qorti Ġovanili fl-NGO Centre, Ix-Xewkija. | Bdiet konsultazzjoni bejn il-Qorti f'Għawdex u l-Information Management Unit fi ħdan il-Ministeru biex jinġabru l-kwotazzjonijiet għax-xiri tal-apparat meħtieġ għat-twettiq ta' din il-miżura.<br><br>Ġie identifikat l-apparat meħtieġ relatat ma' recording bil-video/audio. Bdew u tlestew testijiet fuq is-sistema tal-video conferencing. | Beda xogħol ta' żvilupp fuq is-software meħtieġ sabiex jitqabbad miegħu l-apparat il-ġdid relatat mal-installazzjoni ta' monitors kif ukoll apparat ieħor fl-Awla tax-Xewkija.<br><br>Inxtara u ġie installat ukoll apparat ġdid tal-video conferencing f'Awla A u beda jintuża. B'hekk, ġiet implimentata parti (b) ta' din il-miżura. | Tlesta x-xogħol fuq is-software u nxtara l-apparat il-ġdid. | Ġew installati l-monitors f'diversi postijiet fil-Qorti u bdew jitħaddmu. Ġiet installata s-sistema tas-CCTV/video-link/audio recording fl-Awla tal-Qorti u bdiet tintuża. | Il-pubbliku, b'mod partikolari dawk li jżuru l-Qorti. | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 88 | Inwettqu inizjattivi fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali permezz ta' KPI bil-għan li jagħtu aktar appoġġ lill-Kunsilli Lokali. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jkun tabilħaqq għajnuna imma wkoll viġilanti fuq il-kontabilità tal-Kunsilli Lokali. | Ħarġet sejħa għall-offerti biex titwaqqaf Customer Support Unit sabiex tassisti liċ-ċittadin mal-Kunsill Lokali. Tfasslet sistema virtwali msejħa 'IntraLocal' sabiex tiffaċilita l-komunikazzjoni bejn id-Dipartiment u l-Kunsilli Lokali. Tfasslet ukoll sistema onlajn fejn juru l-bilanċi finanzjarji tal-Kunsilli Lokali għal aktar trasparenza u beda t-testing fuqha. Tħejja programm ta' taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi dwar materji speċifiċi bħall-green public procurement u management of Council meetings, u saret l-ewwel sessjoni minn dan il-programm. | Ġiet aġġudikata s-sejħa għall-offerti tal-Customer Support Unit u ġew stabbiliti Standard Operating Procedures dwar l-ilmenti taċ-ċittadini. Ħarġet sejħa għall-offerti li tittratta l-kejl ta' 5 funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (performance reports). Sar it-testing tas-sistema virtwali IntraLocal. Is-sistema onlajn fejn juru l-bilanċi finanzjarji tal-Kunsilli Lokali ġiet finalizzata u mtellgħa fuq is-sistema tas-Segretarji Eżekuttivi. Saret it-tieni sessjoni ta' taħriġ mill-programm. | Il-Customer Support Unit bdiet topera. Ħarġet sejħa għall-offerti biex isir taħriġ professjonali lis-Segretarji Eżekuttivi li jkunu ġew appuntati ġodda u ġiet aġġudikata. Ġiet aġġudikata l-offerta tal-Performance Reports. Saret it-tielet sessjoni ta' taħriġ mill-programm għas-Segretarji Eżekuttivi. | Ġie ffirmat il-kuntratt tat-taħriġ professjonali lis-Segretarji Eżekuttivi l-ġodda u sar pjan ta' implimentazzjoni. Ġie ffirmat il-kuntratt tal-Performance Reports u sar pjan ta' implimentazzjoni. Is-sistema IntraLocal ittellgħet live u hija aċċessibbli għas-Segretarji Eżekuttivi kollha. | Il-pubbliku, b'mod partikolari Kunsilli Lokali | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 99 | Rilokazzjoni tat-Taqsima tal-Kondotti u Fedini Penali mid-Dipartiment tal-Pulizija fi ħdan il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għad-Dipartiment tal-Ġustizzja fi ħdan il-Ministeru. | Saru laqgħat interni bejn il-Ministeri involuti, flimkien ma' rappreżentanti tal-Pulizija. Bdiet ħidma biex jiġi identifikat post minn fejn ser ikun qed jopera l-Unit tal-Kondotti u Fedini Penali. Ġiet ippubblikata sejħa għall-ingaġġ ta' Assistent Direttur (Kondotti u Operations) fi ħdan il-Unit. | Saru diskussjonijiet bejn id-Dipartiment tal-Ġustizzja u rappreżentanti tal-Pulizija li wasslu għat-tħejjija ta' abbozz bl-emendi meħtieġa fil-liġi. | Ġie ingaġġat l-Assistent Direttur responsabbli mill-Unit il-ġdid u bdew diskussjonijiet dwar ir-riżorsi meħtieġa. | Kompliet ħidma sabiex jiġi identifikat il-post minn fejn ser jibda jopera l-Unit il-ġdid kif ukoll fuq l-emendi meħtieġa fil-liġi. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 100 | Simplifikazzjoni ta' aktar atti legali biex ikunu jistgħu jiġu ppreżentati b'mod elettroniku. | Saru laqgħat interni flimkien ma' rappreżentanti tal-Qorti u l-MITA biex jiġu identifikati l-atti li jistgħu jiġu maqluba f'format elettroniku. | Ġew identifikati l-atti u bdiet il-ħidma mill-MITA fuq l-iżvilupp tas-sistema. | Ġiet żviluppata s-sistema u beda l-ittestjar tagħha. | Is-sistema bdiet titħaddem u ntbagħtet notifika lill-Kamra tal-Avukati u lill-Kamra tal-Prokuraturi Legali sabiex ikunu jistgħu jibdew jagħmlu użu minnha. | Il-professjoni legali, b'mod partikolari avukati u prokuraturi legali | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 101 | Jissaħħaħ il-Judicial Studies Committee biex il-ġudikanti jkomplu jitħarrġu fuq bażi kontinwa. | Ġie organizzat seminar għall-Ġudikatura dwar il-forensika b'kollaborazzjoni mal-BIODNA Lab Service. Il-JSC daħal f'arranġamenti mal-European Academy of Law biex fil-bidu tal-2019 jiġi organizzat seminar f'Malta dwar Investigating Web u Money Laundering. Intgħażlu numru ta' Ġudikanti Maltin biex jattendu taħriġ barra minn Malta. Ġiet organizzata Briefing Session bis-suġġett Anti-Money Laundering and Combating the Financing of Terrorism. | Ġew organizzati tliet seminars dwar il-Vjolenza Domestika, l-Asset Recovery u d-Direttiva tal-GDPR. Sar ukoll briefing dwar Cybercrime - Use and Misuse of Social Media. | Sar taħriġ għall-ġudikanti dwar etika u ħiliet li għandhom bżonn. | Komplew isiru seminars għall-ġudikanti. It-taħriġ tal-ġudikanti jingħata fuq bażi kontinwa matul s-sena kollha. | Il-membri tal-Ġudikatura | Implimentata |
| 102 | Jiġi faċilitat l-aċċess għall-informazzjoni fir-rigward tal-bejgħ bis-subbasta bil-għan li din l-informazzjoni tkun aktar aċċessibbli għall-pubbliku minn fuq il-mowbajl. | Saru laqgħat mal-MITA biex jiġi stabbilit metodu dwar kif tista' tiġi implimentata din il-miżura. | Bdiet ħidma fuq żvilupp ta' sistema mill-MITA li tippermetti aktar pubbliċità tal-bejgħ bis-subbasta. | Is-sistema tlestiet u beda l-ittestjar tagħha. | Tlesta l-ittestjar u bdiet tintuża s-sistema, aċċessibbli elettronikament għall-pubbliku minn ecourts.gov.mt. | Il-pubbliku, b'mod partikolari kredituri u kull min ikollu interess jixtri proprjetà bis-subbasta | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 103 | Jitħejja programm ta' attivitajiet għall-kor nazzjonali (Kor Malta) bl-għan li jiżdiedu l-opportunitajiet għall-koristi f'dan is-settur. | Twaqqaf Grupp ta' Ħidma għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Intlaħaq ftehim li Kor Malta jiġi integrat fl-operat tal-Orkestra Filarmonika ta' Malta bi sħab mal-Kunsill Malti għall-Arti. Ġie konkluż dokument li jindika l-formazzjoni tal-kor u kif se jkun qed jopera fi ħdan l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali. | Saret ħidma relatata mal-promozzjoni tal-kor u disinjar ta' logo ġdid. | Ġiet ippreparata s-sejħa għall-ingaġġ ta' Direttur Artistiku. | Ġie ingaġġat id-Direttur Artistiku flimkien mal-koristi wara sejħa pubblika. Dan wassal biex f'Diċembru sar l-ewwel kunċert ta' Kor Malta. | Il-pubbliku, b'mod partikolari Kor Malta | Implimentata |
| 104 | Tiġi introdotta skema ġdida biex żgħażagħ ikunu jistgħu jesebixxu t-talenti artistiċi tagħhom f'attivitajiet internazzjonali. | Saru diskussjonijiet mal-istakeholders tal-Kunsill Malti għall-Kultura dwar it-twettiq ta' din il-miżura. Bdiet tiġi abbozzata l-iskema l-ġdida u s-sejħa għall-applikazzjonijiet. | L-iskema l-ġdida u s-sejħa għall-applikazzjonijiet ġew finalizzati u approvati. Dan wassal biex jiġi mniedi Fond fuq il-midja soċjali tal-Kunsill Malti għall-Arti u l-imsieħba tiegħu flimkien ma' kampanja ta' promozzjoni fuq iż-żewġ stazzjonijiet nazzjonali. | Intlaqgħu l-applikazzjonijiet għall-fondi, saret l-evalwazzjoni u tqassmu l-fondi. | | Madwar 10 żgħażagħ | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 105 | Simplifikazzjoni fl-aċċessibilità għal organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi biex insaħħu u nippromovu l-kultura f'pajjiżna permezz tat-teknoloġija tal-informatika:<br>(a) Pjazza Teatru Rjal - Sit ġdid u aktar aċċessibbli u xogħol fuq in-netwerk<br>(b) Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali - ħolqien ta' preżenza onlajn ġdida<br>(ċ) Sit dedikat għall-kultura - ħolqien ta' sit (culture.gov.mt) bħala portal ċentrali b'ħoloq għal siti oħra relatati mal-kultura. | Saru laqgħat interni biex jiġu identifikati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi marbuta mas-siti l-ġodda. Bdiet u tlestiet ħidma fuq l-iżvilupp tas-siti u b'mod partikolari dawk għal Pjazza Teatru Rjal, tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u tal-Kultura. Beda l-ittestjar tas-siti kif ukoll xogħol ieħor fuq it-tisħiħ tan-netwerk ta' Pjazza Teatru Rjal. | Tlesta x-xogħol fuq is-siti ta' Pjazza Teatru Rjal u tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Tkompla x-xogħol fuq in-netwerk ta' Pjazza Teatru Rjal. | Tkompla x-xogħol fuq in-netwerk ta' Pjazza Teatru Rjal li jinkludi wkoll ix-xiri ta' apparat ġdid. | Tlesta x-xogħol marbut man-netwerk flimkien mas-sit tal-Kultura. B'hekk, it-tliet siti jistgħu jiġu aċċessati mill-pubbliku b'mod aktar faċli. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 106 | Bidu ta' proċess li se jwassal għal aġġornament tal-politika nazzjonali għall-kultura. Dan billi ssir analiżi tal-attivitajiet kulturali kollha li qed isiru bħalissa, tibda evalwazzjoni tagħhom, jiġu identifikati l-istakeholders kollha, jingħata bidu għal diskussjoni wiesgħa ma' kull min hu involut u ma' dawk li bbenefikaw mill-fondi, u tibda tissawwar il-viżjoni għall-futur skont id-data xjentifika li tinkiseb. Jibdew il-preparazzjonijiet sabiex fl-2019 toħroġ green paper li tkun l-ewwel pass lejn din il-politika nazzjonali ġdida tal-kultura. | Bdiet evalwazzjoni tar-riżultati miksuba relatati mal-implimentazzjoni tal-Politika Nazzjonali għall-2011. Ġew identifikati l-isfidi u l-opportunitajiet għall-futur. Ġew identifikati l-aħjar esperti f'kull qasam. | Saru laqgħat mal-pubbliku u l-istakeholders involuti dwar l-isfidi u l-opportunitajiet li l-pajjiż għandu quddiemu fil-qasam tal-kultura. | Saru diskussjonijiet dwar prinċipji ġenerali li jridu jiddaħħlu fil-Politika Nazzjonali l-ġdida. Sar survey elettroniku fuq livell nazzjonali u bdiet issir analiżi tar-risposti miġbura. Kompliet il-parteċipazzjoni f'attivitajiet kulturali, kemm lokali kif ukoll internazzjonali, biex inkisbet esperjenza li ser tiġi riflessa fil-Politika Nazzjonali l-ġdida. | Saret laqgħa mal-esperti fejn ġew identifikati l-punti ta' ħidma. Beda xogħol fuq bażi individwali mill-esperti fuq dan il-qasam. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 107 | Issir ħidma biex jissaħħaħ il-Culture Pass. Introduzzjoni ta' programm aktar intensiv biex jiżdied sostanzjalment l-għadd ta' studenti li jattendu tal-inqas għal attività kulturali waħda kull sena. Issir aktar enfasi fuq il-workshops wara l-attività kulturali u ssir evalwazzjoni flimkien mal-għalliema dwar jekk l-attivitajiet kulturali offruti humiex jikkumplimentaw il-kurrikulu nazzjonali. Jiġi studjat ukoll jekk wasalx iż-żmien li l-Culture Pass jiġi estiż għall-istudenti tas-sitt sena tal-primarja. | Kompliet ħidma biex jissaħħaħ il-Culture Pass flimkien mal-iskejjel permezz ta' aktar attivitajiet kulturali bħala parti mill-programm tal-Culture Pass. | Il-parteċipazzjoni tal-istudenti fil-programm tal-Culture Pass żdiedet b'26% fuq is-sena skolastika ta' qabel. Saru laqgħat mal-producers biex jiġu mfassla produzzjonijiet aktar innovattivi għas-sena skolastika li jmiss. Saru diskussjonijiet mal-awtoritajiet edukattivi biex nestendu l-Cultural Pass mill-Kindergarten sal-età tal-iskola obbligatorja. | Saret analiżi ta' produzzjonijiet proposti f'sejħa pubblika. Inbeda x-xogħol biex isir online booklet għall-iskejjel biex ikunu jafu liema produzzjonijiet ser ikunu miftuħa għall-għażla tagħhom. | Tlesta x-xogħol fuq il-Culture Pass u ġie mniedi f'Diċembru fl-Iskola Primarja, Kulleġġ San Benedettu, L-Imqabba. Saru rappreżentazzjonijiet minn erba' produzzjonijiet li huma elenkati fuq il-programm tal-Culture Pass. Tnieda formalment is-sit culturepassmalta. com kif ukoll ħarġet ċirkulari mill-MEDE lill-iskejjel kollha b'informazzjoni dwar kif jistgħu jagħmlu użu mill-Culture Pass. | 11,100 tifel u tifla tal-iskejjel | Implimentata |
| 54 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru - Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jkompli jwassal għall-qalba ta' numru ta' formoli f'eforms. | Kompla l-eżerċizzju intern flimkien mal-MITA u l-fornitur biex jiġu identifikati l-formoli li ser jinqalbu minn format PDF jew Word għal eform. Dan il-proċess wassal biex jiġu identifikati 40 formola ġdida biex jinqalbu din is-sena. | Bdiet ħidma fuq l-implimentazzjoni ta' numru ta' enhancements fis-sistema li se jwasslu biex jinqalbu 40 formola f'eforms. Tlestew l-ewwel 24 formola. | Kompliet il-ħidma fuq il-kumplament tal-formoli. Tlestew 5 formoli oħra. | Tlestew il-kumplament tal-formoli ppjanati għal din is-sena u b'hekk inqalbu 40 formola f'eforms. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 68 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (mservices) permezz ta' żvilupp ta' apps u siti li huma kompatibbli ma' apparat elettroniku. Din is-sena ġie ppjanat l-iżvilupp ta':<br><br>1. eCourts<br>2. Clean & Upkeep<br>3. Valletta 2018 (phase 2)<br>4. eCourts (phase 2)<br>5. KulturaMalta (phase 2)<br>6. Local Enforcement System (phase 2)<br><br>Dawn is-siti/apps huma kollha aċċessibbli minn maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti biex jinqalbu f'format kompatibbli ma' apparat elettroniku kif ukoll inġabret informazzjoni relatata mal-iżvilupp tal-apps identifikati. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ.<br><br>Tlestiet il-ħidma fuq l-ewwel 3 mservices ippjanati għal din is-sena u ġew imnedija fuq maltapps. | Kompla l-iżvilupp ta' aktar mservices. | Tlestew 3 mservices oħra u ġew imnedija fuq maltapps. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-AMBJENT,
ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 28 | Simplifikazzjoni fis-sistema elettronika li tintuża biex jiġu ppubblikati s-sejħiet tal-offerti (l-ePPS) bil-għan li ntejbu l-monitoraġġ tas-sejħiet kollha fir-rigward tal-kriterji tal-Green Public Procurement b'mod aktar effettiv u effiċjenti. | Saret ħidma interna mad-Dipartiment tal-Kuntratti u ġew identifikati l-modifiki proposti li jikkonċernaw il-Green Public Procurement (GPP) biex jiġu integrati fis-sistema tal-ePPS. Dan ser iwassal sabiex sejħiet għall-offerti li ma jonorawx il-kriterji tal-GPP ma jitħallewx jiġu ppubblikati b'mod awtomatiku. | Ġew identifikati l-ispeċifikazzjonijiet ta' dawn il-proposti u beda xogħol ta' żvilupp fuq is-sistema l-ġdida, li jinkludi d-dħul ta' klawsoli addizzjonali dwar GPP. | Kompla l-iżvilupp fuq is-sistema elettronika li tintuża biex jiġu ppubblikati s-sejħiet tal-offerti (ePPS). | Ġie konkluż l-iżvilupp u beda u tlesta l-ittestjar. Is-sistema ġiet imnedija u bdiet titħaddem. | Dawk kollha li jipparteċipaw fix-xiri pubbliku tal-Gvern | Implimentata |
| 29 | Simplifikazzjoni fil-mod kif jiġu identifikati l-annimali tal-ħalib permezz tal-introduzzjoni ta' ear tags. Din is-sistema ġdida ser tiffaċilita l-proċess ta' verifika u s-servizz fl-irziezet jingħata b'mod aktar effiċjenti. B'hekk ir-raħħala mhux ser ikollhom bżonn jirrikorru għand id-Veterinary Regulation Directorate sabiex jidentifikaw l-annimali tagħhom. | Id-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD), flimkien mal-Koperattiva tal-Produtturi tal-Ħalib (KPH) organizza żewġ seminars għar-raħħala li jrabbu annimali tal-ħalib biex tingħata informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Dawn is-seminars kienu akkumpanjati minn kampanja ta' informazzjoni diretta lir-raħħala. | Intlaqgħu l-kummenti mir-raħħala u beda xogħol ta' verifika ta' informazzjoni li nġabret matul il-proċess. | Kompliet l-evalwazzjoni tal-kummenti miġbura kif ukoll ħidma sabiex jiġu aġġornati r-reġistri tal-bdiewa. Bdiet ħidma sabiex jittella' seminar informattiv ieħor lir-raħħala f'dan ir-rigward. | Is-seminar sar f'Ottubru u bdew jitqassmu konsenji ta' ear tags lir-raħħala li jrabbu annimali tal-ħalib. | Madwar 100 razzett f'Malta u Għawdex | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 30 | Simplifikazzjoni fis-sistema ta' identifikazzjoni tal-majjal. Din is-sistema ġdida li ser titħaddem mill-Uffiċċju tal-Extended Services fi ħdan id-Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali ser tiffaċilita l-proċess ta' verifika u s-servizz fl-irziezet jingħata b'mod aktar effiċjenti. | Saru diskussjonijiet mal-Bord tal-Koperattiva tal-Majjali (KIM) fejn ġie maqbul li l-implimentazzjoni ta' din il-miżura tinqasam f'żewġ fażijiet; parti minnha tiġi indirizzata mir-raħħala u l-parti l-oħra mis-Servizzi ta' Estensjoni fi ħdan id-Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali fil-Ministeru.<br><br>Ingħata taħriġ lill-uffiċjali involuti dwar kif jistgħu jtejbu l-identifikazzjoni tal-majjali. Saru wkoll żjarat informattivi fl-irziezet mill-uffiċjali tad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD) li tat viżibilità lil dawk involuti fuq il-leġiżlazzjoni rispettiva. | Ġie organizzat seminar għar-raħħala tal-majjali sabiex jingħataw tagħrif dwar din il-miżura. Beda jitħejja wkoll fuljett biex jitqassam lir-raħħala f'dan ir-rigward. Saru żjarat fi rziezet tal-majjali u beda xogħol fuq il-mili tal-herdbook tar-raħħala. Sar ukoll eżerċizzju ta' verifika dwar l-eżattezza tad-data. Saret ġabra tal-kummenti milqugħa mir-raħħala tal-majjali dwar dan il-proċess. | Kompla ċ-ċensiment permezz ta' żjarat fi rziezet tal-majjali u l-mili tal-herdbook, fejn ġiet aġġornata kwalunkwe informazzjoni meħtieġa fis-sistema dwar l-irziezet. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-kummenti milqugħa dwar iċ-ċensiment u bdew jitqassmu l-fuljetti lir-raħħala. | Madwar 100 raħħal f'Malta u Għawdex | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 | Tiġi żviluppata funzjoni interna ċentrali fid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali bl-għan li toffri servizz lill-pubbliku b'aktar effiċjenza fejn jidħol il-ħarsien tal-annimali. Fil-preżent, kull rikjesta tiġi indirizzata minn diversi uffiċini b'mod indipendenti minn xulxin. | Ġie identifikat grupp ta' uffiċjali b'esperjenza biex jagħmlu parti minn din il-funzjoni l-ġdida u jibdew iħaddmu s-sistema ċentralizzata. Ingħataw taħriġ intensiv sabiex itejbu s-servizz offrut. | Ġew miktuba u ppubblikati linji gwida ġodda dwar l-għoti tas-servizz minn din il-funzjoni. Din il-funzjoni bdiet topera u toffri servizz fuq tliet oqsma, jiġifieri: il-linja telefonika 1717, il-mobile app u l-generic email. | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 32 | Introduzzjoni tal-użu ta' Simplified Cost Options biex jitħaffu l-proċessi relatati mal-użu tal-Fond tal-Agrikoltura u Żvilupp Rurali. Minflok jinġabru diversi stimi għall-analiżi professjonali tal-prodotti, ser tiġi kalkulata rata fissa ta' rimborż biex jiġi simplifikat il-proċess u l-benefiċjarji jingħataw servizz aktar effiċjenti. | Sar studju tas-settur tal-produzzjoni tal-ħalib sabiex tiġi stabbilita rata fissa ta' ħlas koperta taħt l-iskema Products of Quality National Scheme – Drinking Milk taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali 2014-2020. L-istudju ġie analizzat u approvat mill-awtoritajiet konċernati. | Saru żewġ laqgħat ta' konsultazzjoni, waħda f'Malta u oħra f'Għawdex, mar-rappreżentanti tal-KPH fejn ġie kkonfermat li ġaladarba l-KPH iressqu applikazzjoni taħt din l-iskema ser jibbenefikaw minn din ir-rata fissa ta' ħlas. | Komplew il-laqgħat mal-Awtorità tal-Immaniġġjar u tnediet kampanja ta' informazzjoni dwar din l-iskema. Is-simplified cost option daħal fis-seħħ u beda jiġi applikat. | | Madwar 100 raħħal tal-ħalib | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 33 | Introduzzjoni ta' proċedura ta' applikazzjoni bit-telefown għal-liċenzji speċjali tal-kaċċa fir-rebbiegħa biex tissostitwixxi l-proċess tal-applikazzjoni li fil-preżent isir b'mod manwali. | Saru laqgħat mal-għaqdiet tal-kaċċaturi u ntlaqgħu l-kummenti dwar it-tħaddim ta' din is-sistema. Ġiet żviluppata s-sistema u bdiet titħaddem. Intbagħat tagħrif lil kull kaċċatur liċenzjat dwar l-operat il-ġdid ta' din is-sistema. | | | | Madwar 11,000 kaċċatur | Implimentata |
| 34 | Reviżjoni fl-operat taċ-ċentri tal-iskart goff. Permezz ta' din ir-reviżjoni, dawn iċ-ċentri se jinfetħu għall-użu tal-ażjendi kummerċjali żgħar bi ħlas. B'hekk se tkompli l-ħidma biex jiġi evitat ir-rimi ta' skart goff fit-toroq. | Inxtara l-apparat meħtieġ li permezz tiegħu se jkun jista' jintlaqa' ħlas fiċ-ċentri tal-iskart goff. Saru arranġamenti ma' bank kummerċjali għall-konnettività u l-użu tas-sistema EPOS. Ingħata t-taħriġ lil ħaddiema fil-back office u oħrajn fiċ-ċentri. Bdew isiru l-arranġamenti sabiex ikun hemm sit fejn il-WEEE (jiġifieri skart ta' tip elettriku u elettroniku) jista' jiġi maħżun. | Bdiet ħidma marbuta mal-kitba ta' proċeduri ġodda li jelenkaw il-mod il-ġdid kif ser titħaddem is-sistema. Inbeda l-proċess għall-installazzjoni ta' access barriers fiċ-Ċentri kollha u wkoll sabiex jinxtraw Automatic Number Plate Recognition (ANPR) cameras għall-istess Ċentri. | Beda l-proċess biex il-kwantitajiet kbar ta' skart WEEE jibdew jitneħħew miċ-ċentri tal-iskart goff sabiex jinħoloq spazju għal skart ieħor minn ażjendi kummerċjali. | Bdew diskussjonijiet mal-awtoritajiet konċernati sabiex jiġu identifikati postijiet ulterjuri fejn jintlaqa' l-iskart WEEE. Kompla jingħata t-taħriġ lill-ħaddiema kif ukoll għadu għaddej il-proċess biex jinxtraw barriers u cameras tas-sigurtà. | Operaturi kummerċjali varji | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 108 | Identifikazzjoni ta' żona ġdida tal-akkwakultura fit-Tramuntana ta' Malta. Din iż-żona se tiġi identifikata fid-dawl tal-istrateġija nazzjonali dwar l-akkwakultura. Din se tkun ta' benefiċċju wkoll għar-rilokazzjoni tal-operatur fis-settur tat-tonn fit-Tramuntana ta' Malta. | Beda xogħol fuq l-Environmental Impact Assessment (EIA) u l-Appropriate Assessment (AA) meħtieġa għall-identifikazzjoni ta' żona ġdida tal-akkwakultura fit-Tramuntana ta' Malta. Saru surveys u nġabret l-informazzjoni. Beda l-proċess ta' hydraulic modelling abbażi tal-method statements stabbiliti. | Beda xogħol permezz ta' Remotely Operated Vehicle (ROV) għall-ġbid ta' ritratti ta' qiegħ il-baħar. Tlesta l-ġbir, l-ipproċessar u l-analiżi tal-informazzjoni u d-data flimkien mal-ewwel fażi tal-EIA u l-AA kif ippjanat. | Ġiet identifikata ż-żona l-ġdida tal-akkwakultura u bdew l-aħħar studji relatati mal-EIA u l-AA flimkien mal-mudellar, riskju u valutazzjoni tal-impatt. | Ġew finalizzati l-EIA u l-AA u ġew sottomessi l-applikazzjonijiet lill-Awtorità tal-Ippjanar u lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għall-permessi neċessarji. | Operaturi tal-akkwakultura | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 55 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru-Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jkompli jwassal għall-qalba ta' numru ta' formoli f'eforms. | Kompla l-eżerċizzju intern flimkien mal-MITA u l-fornitur biex jiġu identifikati l-formoli li ser jinqalbu minn format PDF jew Word għal eform. Dan il-proċess wassal biex jiġu identifikati 105 formoli ġodda biex jiġu maqluba din is-sena. | Bdiet ħidma fuq l-implimentazzjoni ta' numru ta' enhancements fis-sistema. Tlestew l-ewwel 35 formola. | Kompliet il-ħidma fuq il-kumplament tal-formoli. Tlestew 35 formola oħra. | Tlestew il-kumplament tal-formoli ppjanati għal din is-sena u b'hekk ġew maqluba 105 formoli f'eforms. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 69 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (mservices) permezz ta' żvilupp ta' apps u siti li huma kompatibbli ma' apparat elettroniku. Din is-sena ġie ppjanat l-iżvilupp ta':<br><br>1. Agriculture Extension Services<br>2. Malta Fisheries & Aquaculture<br>3. BiedjaInfo<br>4. BiedjaCam<br>5. eWasp<br><br>Dawn is-siti/apps huma kollha aċċessibbli minn maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti biex jinqalbu f'format kompatibbli ma' apparat elettroniku kif ukoll inġabret informazzjoni relatata mal-iżvilupp tal-apps identifikati. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ.<br><br>Tlestiet il-ħidma fuq l-ewwel 2 mservices ippjanati għal din is-sena u ġew imnedija fuq maltapps. | Kompla l-iżvilupp ta' aktar mservices. | Tlestew 3 mservices oħra u ġew imnedija fuq maltapps. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN
U PROMOZZJONI TAL-KUMMERĊ



| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 42 | Jitwaqqaf One-Stop-Shop intern biex il-klijenti tal-Ministeru jkunu jistgħu jiksbu servizz minn post wieħed. Dan se jkun kumplimentat kemm b'servizz manwali kif ukoll onlajn. | Saru diskussjonijiet interni dwar l-operat ta' din il-funzjoni, magħrufa aħjar bħala Client Services Office. Ġie identifikat il-post minn fejn il-funzjoni ser tibda topera u bdiet ħidma ta' refurbishment. | Ingħata taħriġ lill-uffiċjali li se jkunu parti minn din il-funzjoni. It-taħriġ ingħata lill-uffiċjali tal-Client Services Office (CSO) dwar is-servizz ta' eċċellenza li għandhom jagħtu kemm lill-klijenti interni kif ukoll esterni. Kompla x-xogħol fuq ir-refurbishment tal-post. | Ġie identifikat il-Kap tas-CSO. Kompla jingħata t-taħriġ lill-Uffiċjali tas-CSO, din id-darba dwar il-liġi tal-Protezzjoni tad-Data. | Tkompla x-xogħol ta' refurbishment kif ukoll xiri ta' għamara. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 109 | Promozzjoni tal-Belt Valletta bħala l-Kapitali Ewropea tal-Kultura permezz tal-missjonijiet diplomatiċi Maltin. Diversi missjonijiet se jimplimentaw proġetti minn diversi artisti Maltin, li jvarjaw minn wirjiet ta' ċeramika, pittura, fotografija, mużika, teatru u letteratura. | It-Taqsima tad-Diplomazija Kulturali laqgħet it-talbiet li ġew mill-missjonijiet diplomatiċi Maltin, sabiex iwettqu proġetti kulturali bl-għajnuna mill-Fond għall-Kultura Diplomatika. Il-Bord tal-Għażla approva 11-il proġett mit-23 applikazzjoni li ġew sottomessi b'ammont li jlaħħaq madwar €80,000. | Ġew abbozzati l-kuntratti bejn il-missjonijiet u l-artisti involuti li wasslu għat-twettiq ta' numru ta' proġetti f'pajjiżi barranin fosthom fl-Indja, il-Polonja, il-Palestina, il-Greċja, l-Awstralja, il-Ġermanja u Franza. | Kompliet il-ħidma fuq it-twettiq ta' aktar proġetti kulturali b'kollaborazzjoni mal-ambaxxati ta' Malta fosthom fl-Italja, fl-Irlanda, fit-Tuneżija u l-Awstrija. | Kompliet il-ħidma fuq aktar proġetti sa tmiem il-Valletta 2018, il-Kapitali Ewropea tal-Kultura kif ippjanat għal din is-sena. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 110 | Ftuħ ta' missjoni diplomatika ġdida fl-Afrika biex tippromovi lil Malta, tiffavorixxi l-kummerċ ma' Malta, tgħin biex jissaħħu r-relazzjonijiet bilaterali u tipprovdi servizzi lill-Maltin fir-reġjun. | Ġie deċiż li l-pajjiż fil-Kontinent Afrikan li fih tinfetaħ Kummissjoni Għolja (KGħ) Maltija jkun il-Ghana. Beda l-proċess ta' akkreditazzjoni mal-awtoritajiet tal-Ghana sabiex tinfetaħ KGħ ġewwa Accra. Beda l-proċess ta' identifikazzjoni ta' siti għall-KGħ kif ukoll diskussjonijiet dwar it-tim li ser iżur il-Ghana, il-preparamenti meħtieġa għall-viżi u l-vaċċini. | Ġie approvat il-ftuħ ta' KGħ f'Accra mill-awtoritajiet fil-Ghana. Saru kuntatti mal-KGħ Ingliża f'Accra sabiex tiġi esplorata l-possibilità li Malta tkun temporanjament koabitata fl-istess binja tal-Ingliżi. Ġew identifikati siti oħra minn fejn tista' topera l-KGħ għall-kunsiderazzjoni interna. | Il-possibilità li l-KGħ tkun fl-istess binja ma' dik tal-Ingliżi ġiet rikunsidrata. Għaldaqstant ġie identifikat sit ieħor adattat bil-kirja. Beda l-proċess biex jiġi appuntat Kummissarju Għoli Malti għal residenza f'Accra. | In-nomina tressqet quddiem il-Parlament u ġiet approvata. Ġie identifikat post permanenti minn fejn ser tkun tista' tibda topera l-KGħ. Din il-miżura ġiet moqrija fil-Baġit għall-2019 u għaldaqstant ser titqies bħala miżura tal-Baġit. | Dijaspora Maltija, Diplomatiċi Maltin residenti fil-Missjonijiet | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 111 | Isir programm ta' taħriġ akkreditat dwar Schengen, l-immigrazzjoni u l-ipproċessar ta' visas. It-taħriġ hu mmirat għal ħaddiema fil-Ministeru li diġà huma involuti fis-settur tax-Schengen, pulizija li jaħdmu fil-qasam tal-immigrazzjoni u membri tas-Central Visa Unit. Hu stmat li b'kollox jitħarrġu 120 ħaddiem. | Ġie miktub u approvat l-abbozz tal-kurrikulu għat-taħriġ. Bdew diskussjonijiet mal-entitajiet interessati fil-proġett kif ukoll oħrajn dwar il-materjal edukattiv neċessarju. | Saret ħidma mal-MHAS u l-Akkademja għal Forzi Dixxiplinati dwar l-iffirmar ta' żewġ MOUs b'mod separat. Ġew imħejjija Service Level Agreements mal-Akkademja li jirregolaw l-operat tat-taħriġ. Saru wkoll l-analiżi u d-diskussjonijiet mal-Procurement Unit għall-ħruġ tat-tenders. | Ġie ffirmat MOU bejn il-Ministeri involuti. Komplew ix-xogħlijiet dwar is-Service Level Agreements. Kompliet il-ħidma fuq il-ħruġ ta' tenders għall-catering (għall-parteċipanti tat-taħriġ) u għat-trasport (biex iwassal lill-parteċipanti mill-Belt Valletta sal-Akkademja). | Kompliet il-ħidma għat-tħejjija tat-taħriġ inkluż l-akkreditar tiegħu. | Diplomatiċi Maltin, ħaddiema tal-MFTP, membri tal-pulizija (immigrazzjoni) u tas-Central Visa Unit. Huwa stmat li ser jitħarrġu 120 impjegat fil-programm ta' taħriġ fuq medda ta' 4 snin. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 70 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (mservices) permezz ta' żvilupp ta' apps u siti li huma kompatibbli ma' devices elettroniċi. Din is-sena ġie ppjanat l-iżvilupp ta':<br><br>1. Malta Travel Point<br>2. Malta Travel Point (phase 2)<br><br>Dawn is-siti/apps huma kollha aċċessibbli minn maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti biex jinqalbu f'format kompatibbli ma' devices elettroniċi kif ukoll inġabret informazzjoni relatata mal-iżvilupp tal-apps identifikati. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ.<br><br>Tlestiet il-ħidma fuq l-ewwel fażi tal-mservice bl-isem Malta Travel Point u ġie mniedi fuq maltapps. | Kompliet il-ħidma fuq Malta Travel Point għall-fażi li jmiss. | Tlesta l-iżvilupp marbut mat-tieni fażi tal-mservice Malta Travel Point u ġie mniedi fuq maltapps. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦAT-TRASPORT,
INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI



| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 56 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru-Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jkompli jwassal għall-qalba ta' numru ta' formoli f'eforms. | Kompla l-eżerċizzju intern flimkien mal-MITA u l-fornitur biex jiġu identifikati l-formoli li ser jinqalbu minn format PDF jew Word għal eform. Dan il-proċess wassal biex jiġu identifikati 11-il formola ġdida biex jiġu maqluba din is-sena. | Bdiet ħidma fuq l-implimentazzjoni ta' numru ta' enhancements fis-sistema li se jwasslu biex jiġu maqluba 11-il formola f'eforms. | Tlestew l-ewwel 5 formoli flimkien mat-testing. Kompliet il-ħidma fuq il-kumplament tal-formoli. | Tlestew 2 formoli oħra u b'hekk din is-sena ġew maqluba 7 formoli f'eforms. Kompliet il-ħidma sabiex il-kumplament tal-formoli jinqalbu f'format eform. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 71 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (mservices) permezz ta' żvilupp ta' apps u siti li huma kompatibbli ma' apparat elettroniku. Din is-sena ġie ppjanat l-iżvilupp ta':<br><br>1. eBuild Malta<br>2. Nawtika<br>3. eRents<br>4. eBuild Malta (phase 2)<br>5. Driver's Online Portal<br><br>Dawn is-siti/apps huma kollha aċċessibbli minn maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti biex jinqalbu f'format kompatibbli ma' apparat elettroniku kif ukoll inġabret informazzjoni relatata mal-iżvilupp tal-apps identifikati. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ.<br><br>Tlestiet il-ħidma fuq l-ewwel 3 mservices ippjanati għal din is-sena u ġew imnedija fuq maltapps. | Kompliet il-ħidma fuq it-tieni fażi tal-mservice bl-isem eBuild Malta kif ukoll l-iżvilupp marbut mad-Driver's Online Portal. | Tlestiet it-tieni fażi ta' eBuild Malta u ttellgħet fuq maltapps. Kompliet il-ħidma fuq l-ivżilupp tad-Driver's Online Portal. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 43 | Simplifikazzjoni fil-proċess li permezz tiegħu l-artisti jirriservaw spazji amministrati mill-Ministeru għal Għawdex għal attivitajiet artistiċi. | Saru diskussjonijiet interni u tfasslu r-rekwiżiti meħtieġa fis-sistema li permezz tagħha jsiru riservazzjonijiet għal attivitajiet artistiċi. Is-sistema ġiet żviluppata u varata. | | | | L-artisti li jixtiequ jorganizzaw attività kulturali u artistika f'wieħed mis-siti li huma disponibbli mill-Ministeru għal Għawdex. | Implimentata |
| 89 | Permezz ta' KPI għall-2018 huwa maħsub li jissaħħaħ il-proċess ta' kif jinħadmu l-pagi mill-Ministeru għal Għawdex. B'hekk jingħata servizz aktar effiċjenti u ta' kwalità. Isir eżerċizzju komparattiv tal-performance ta' uffiċini (back office) eżistenti li jaħdmu s-salarji fil-Ministeru għal Għawdex. L-għan ikun sabiex jiġu identifikati parametri ta' kejl li jistgħu jintużaw biex jistabbilixxu l-performance (produzzjoni, kwalità tas-servizz) tal-funzjonijiet ta' back office u jippermettu tqabbil bejn sezzjoni u oħra, u b'hekk ikollna mezz biex titkejjel u titjieb l-effiċjenza. | Twaqqaf steering committee biex iħares l-implimentazzjoni ta' din il-KPI. Inġabret l-informazzjoni relatata mal-operat tal-back offices tas-salarji f'Għawdex. Ġiet analizzata l-informazzjoni miksuba u tħejja rapport bir-rakkomandazzjonijiet. Ir-rapport ġie diskuss mad-Diviżjoni tal-People & Standards u mal-Ministeri kkonċernati. | Kompla jitlaqqa' l-isteering committee. Bdiet ħidma fuq it-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet elenkati fir-rapport kif ukoll fuq l-iżvilupp ta' programm web-based (Salary Adjustment Form) biex iservi ta' mezz ta' komunikazzjoni prinċipali bejn l-istakeholders.<br><br>Bdiet ħidma wkoll fuq ir-reviżjoni tal-Manual of Procedures mid-Diviżjoni tal-People & Standards. Ġie ppreżentat pjan ta' taħriġ għall-ħaddiema fil-qasam tas-salarji mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.<br><br>Tħejja rapport dwar l-operat tas-Central Salaries Section. | Kompliet il-ħidma fuq it-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet elenkati fir-rapport dwar il-back offices tas-salarji f'Għawdex.<br><br>Id-Diviżjoni tal-People & Standards ħejjiet abbozz tal-Manual of Procedures. Tħejjew ukoll is-Service Level Agreements u ġew ippreżentati lill-istakeholders involuti.<br><br>Saret roll-out tal-Online Salaries Reporting System. Ingħata t-taħriġ meħtieġ lis-sezzjonijiet kollha tas-salarji fil-back offices f'Għawdex u fil-Ministeri kkonċernati. | Ġew iffirmati s-Service Level Agreements bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Ministeri kkonċernati u d-Diviżjoni tal-People & Standards.<br><br>Saru l-modifiki meħtieġa fis-sistema l-ġdida, Salaries Reporting System, u bdiet tiġi użata bħala l-mezz prinċipali ta' komunikazzjoni dwar l-aġġustamenti tas-salarji.<br><br>Saru żewġ manwali. Manwal dettaljat dwar il-proċeduri tan-notifiki tas-salarji u manwal ieħor dwar materja teknika tal-websajt tas-Salaries Reporting System. Il-Manual of Procedures ġie aġġornat mid-Diviżjoni tal-People & Standards. | Il-ħaddiema fis-Servizz Pubbliku f'dawk il-Ministeri li għandhom uffiċini (back office) tas-salarji fil-Ministeru għal Għawdex. | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Bdew isiru Compliance Audits mid-Diviżjoni tal-People & Standards u beda l-monitoraġġ tal-back offices b'mod partikolari permezz tas-sistema l-ġdida, is-Salaries Reporting System, mill-Ministeru għal Għawdex.<br><br>Dan l-investiment fil-proċess wassal għal aktar effiċjenza fil-mod kif jiġu trattati l-pagi tal-ħaddiema fl-Amministrazzjoni Pubblika. | | |
| 112 | Investiment fil-qasam tal-akkomodazzjoni soċjali f'Għawdex permezz ta' bini ta' blokk ġdid ta' appartamenti u r-riġenerazzjoni tal-blokok eżistenti fil-qasam tad-djar Taċ-Ċawla, ir-Rabat, Għawdex. | Sar xogħol fuq id-disinn tal-blokk il-ġdid u tas-sit tal-madwar. Ġiet sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-iżvilupp. | Tressqu aktar dokumenti għand l-Awtorità tal-Ippjanar marbuta mall-ħruġ tal-permess. | Tnieda r-Representation Period bil-konsultazzjoni mal-istakeholders bħala parti mill-proċess tal-Awtorità tal-Ippjanar għall-ħruġ tal-permess. | Għalaq ir-Representation Period u ġew sottomessi r-risposti, reviżjonijiet tal-pjanti u informazzjoni/dokumenti mitluba. Ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar għall-kunsiderazzjoni.<br><br>Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti sabiex isiru xogħlijiet ta' skavar u kostruzzjoni. | Ir-residenti f'Għawdex li jeħtieġu akkomodazzjoni soċjali | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 113 | Rilokazzjoni u tkabbir tal-faċilitajiet eżistenti tal-cold stores u l-biċċerija f'Għawdex. | Saru konsultazzjonijiet dwar il-faċilitajiet tal-cold stores u l-biċċerija f'Għawdex mal-istakeholders involuti u mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Bdiet ħidma fuq studji tekniċi marbuta mal-permess kif mitlub mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi. | Komplew isiru l-istudji tekniċi kif ukoll l-abbozzar ta' pjanti u disinn tal-faċilitajiet il-ġodda. | Ġew finalizzati l-pjanti u d-dokumentazzjoni sabiex jinbeda l-proċess ta' applikazzjoni għall-iżvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Il-bdiewa, is-sajjieda u r-raħħala li joperaw minn Għawdex | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 114 | Introduzzjoni ta' servizz ta' trasport b'xejn fiċ-ċentru tar-Rabat, Għawdex, permezz ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku. B'hekk tiżdied il-mobilità ta' ċerti residenti filwaqt li jonqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet tossiċi kif imsemmi fl-istrateġija ta' Eko-Għawdex. | Tħejjiet skeda ta' servizz mhux skedat minn diversi vened fiċ-ċentru tar-Rabat, Għawdex. | Beda l-proċess sabiex jiġu identifikati uffiċjali pubbliċi biex iservu bħala xufiera. | Saret reviżjoni fil-pjan ta' implimentazzjoni u ttieħdet deċiżjoni sabiex dan is-servizz ikun inkorporat fi proġett ħolistiku ta' Sustainable Multi Intermodal Transport f'Għawdex.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għax-xiri ta' tmien vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri b'mutur elettroniku. | Is-sejħa għall-offerti ngħalqet u reġgħet inħarġet sejħa oħra wara li ġie kkonfermat li ħadd minn dawk li ssottomettew offerta ma kien eliġibbli skont il-kriterji stabbiliti. Tlesta l-proċess ta' evalwazzjoni u ġie identifikat l-offerent preferut. Il-proċess ġie temporanjament imwaqqaf minħabba appell fir-riżultat.<br><br>Wara l-preżentazzjoni tal-Baġit 2019, din il-miżura ġiet inkorporata bħala komponent fil-proġett tal-Park & Ride - Ix-xogħol tal-proġett tal-Park & Ride hu maħsub mhux biex jindirizza l-problema ta' parkeġġ fil-port tal-Imġarr, iżda wkoll f'kuntest usa' ta' proġett u strateġija biex innaqqsu l-emissjonijiet f'Għawdex u għalhekk investiment fil-kwalità tal-arja. | Ir-residenti u viżitaturi f'Għawdex | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 115 | Isir retrofitting u tisbiħ taċ-Ċentru Amministrattiv, bl-għajnuna ta' fondi Ewropej. L-għan ewlieni ta' dan il-proġett hu li jnaqqas il-konsum tal-enerġija fiċ-Ċentru Amministrattiv tal-Ministeru għal Għawdex u jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-istrateġija EU 2020 fit-tnaqqis tal-Green House Gases (GHG) u ffrankar tal-enerġija. | Tħejjew numru ta' sejħiet għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa għat-tisbiħ taċ-Ċentru Amministrattiv. | Ġiet ippubblikata l-ewwel sejħa għall-offerti li tinvolvi xogħlijiet mekkaniċi, elettriku u installazzjoni ta' sound & thermal insulation u pannelli.<br><br>Ġiet ippubblikata t-tieni sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' tibdil tal-aperturi. | Sar il-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti sottomessi marbuta mas-sejħa għal xogħlijiet mekkaniċi, elettriku u installazzjoni ta' sound & thermal insulation u pannelli. L-ebda offerta ma laħqet il-kriterji mitluba. Għaldaqstant, tnieda l-proċess mill-ġdid ta' xiri.<br><br>Sar il-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti sottomessi għas-sejħa għall-offerti tat-tibdil tal-aperturi u ġie identifikat l-offerent preferut. | Ġiet ippubblikata mill-ġdid sejħa għall-offerti li tinvolvi xogħlijiet mekkaniċi, elettriku u installazzjoni ta' sound & thermal insulation u pannelli. Sar il-proċess ta' evalwazzjoni, ġie identifikat offerent preferut u sar l-iffirmar ta' kuntratt għax-xogħlijiet.<br><br>Ġie ffirmat ukoll il-kuntratt għax-xogħlijiet għat-tibdil tal-aperturi. | Il-pubbliku li jagħmel użu miċ-Ċentru Amministrattiv kif ukoll l-uffiċjali pubbliċi li jagħtu servizz miċ-Ċentru Amministrattiv tal-Ministeru għal Għawdex. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 116 | Issir trakka għall-mixi, għall-ġiri u għaċ-ċikliżmu f'Ulysses Grove, limiti tax-Xewkija. | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet infrastrutturali u tqegħid tal-passaġġ. | Is-sejħa għall-offerti għalqet u s-sottomissjonijiet ġew evalwati. Ġie magħżul l-offerent preferut u sar l-iffirmar tal-kuntratt mal-kuntrattur. | Beda x-xogħol relatat mal-ewwel fażi skont il-programm stabbilit. | Tkomplew ix-xogħlijiet u tlestiet l-ewwel fażi. Bdiet ħidma fuq it-tieni fażi tal-proġett. | Il-pubbliku, b'mod partikolari r-residenti għax ser jiżdiedu l-faċilitajiet għat-taħriġ sportiv u rikreazzjoni fil-lokal. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 117 | Isir Multi-Sports Outdoor Facility fejn jistgħu jiġu pprattikati għadd ta' dixxiplini sportivi. | Ġie identifikat sit fir-Rabat, Għawdex. Ħarġet sejħa għall-offerti u saret l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet milqugħa. Il-proċess ġie temporanjament imwaqqaf minħabba appell fir-riżultat. | Il-proċess ġie sospiż minħabba proċess ta' appell ġudizzjarju. | Ġie konkluż il-proċess ġudizzjarju, b'digriet li kkonferma d-deċiżjoni li kienet ittieħdet mill-Ministeru għal Għawdex. B'hekk ġie kkanċellat il-proċess tat-tender. | Ittieħdet deċiżjoni li s-sit propost għal multi-sports outdoor facility jiġi utilizzat bħala Gozo Aquatic Centre. Għaldaqstant ġie identifikat sit alternattiv f'Ta' Kerċem biex isir dan il-proġett. Saru reviżjonijiet tal-pjanti u disinji. Inbdew ix-xogħlijiet. | Il-pubbliku u viżitaturi | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 57 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru - Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jkompli jwassal għall-qalba ta' numru ta' formoli f'eforms. | Kompla l-eżerċizzju intern flimkien mal-MITA u l-fornitur biex jiġu identifikati l-formoli li ser jinqalbu minn format PDF jew Word għal eform. Dan il-proċess wassal biex jiġu identifikati 9 formoli ġodda biex jiġu konvertiti din is-sena. | Bdiet ħidma fuq l-implimentazzjoni ta' numru ta' enhancements fis-sistema li se jwasslu biex jinqalbu 9 formoli f'eforms. | Tlestew l-ewwel 4 formoli flimkien mat-testing. Kompliet il-ħidma fuq il-kumplament tal-formoli. | Tlestew 5 formoli oħra u b'hekk inqalbu 9 formoli f'eforms. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 72 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (mservices) permezz ta' żvilupp ta' apps u siti li huma kompatibbli ma' apparat elettroniku. Din is-sena ġie ppjanat l-iżvilupp ta':<br><br>1. myGozo<br>2. mGozAdmin (Admin)<br>3. myGozo (phase 2)<br><br>Dawn is-siti/apps huma kollha aċċessibbli minn maltapps minbarra dik bl-isem mGozAdmin ġaladarba din hija ta' natura amministrattiva u hija aċċessibbli mill-Gov Intranet għall-ħaddiema konċernati. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti biex jinqalbu f'format kompatibbli ma' apparat elettroniku kif ukoll inġabret informazzjoni relatata mal-iżvilupp tal-apps identifikati. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ.<br><br>Tlestiet il-ħidma fuq l-ewwel mservice ippjanat għal din is-sena u ġie mniedi fuq maltapps. | Kompla l-iżvilupp tal-mservice bl-isem mGozAdmin kif ukoll it-tieni fażi ta' myGozo. | Tlesta l-mservice mGozAdmin kif ukoll it-tieni fażi tal-myGozo u ttellgħu fuq maltapps għal aċċess faċli għall-pubbliku. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-FAMILJA,
DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI


ĊENTRU
SERVIZZ FAMILJA
Non-Contributory Benefits
Children Allowance
Employment Training Corp.
Pensions System
Short Term Benefits
Select Option :

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 44 | (a) POYC web services - Jingħata aċċess dirett u fil-pront lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u lill-POYC għas-sistemi kemm tad-DSS kif ukoll tal-POYC. B'hekk dawn l-entitajiet ikollhom l-informazzjoni kollha meħtieġa f'waqtha dwar il-benefiċjarji utenti tagħhom. Iż-żewġ entitajiet ser ikunu jistgħu jikkordinaw aħjar bejniethom u b'hekk tiżdied l-effiċjenza.<br><br>(b) Il-Karta r-Roża - Sal-lum il-Karta r-Roża għal persuni dijabetiċi tiġġedded kull sena iżda b'din il-miżura se tibda tinħareġ Karta Roża ta' darba. | (a) Saru numru ta' laqgħat bejn in-nies tekniċi, tad-Dipartiment u tal-Unit tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek (POYC) fejn ġew identifikati u maqbula r-rekwiżiti biex ikun jista' jitħaddem il-web service. F'Marzu nbeda x-xogħol tekniku bejn iż-żewġ naħat.<br><br>(b) Saru numru ta' laqgħat bejn l-istakeholders, inklużi l-POYC, sabiex jiġu identifikati u maqbula r-rekwiżiti biex tinħareġ karta roża ta' darba għall-grupp tal-persuni dijabetiċi. | (a) Tlesta l-web service kif ukoll l-ittestjar meħtieġ. B'hekk, ingħata aċċess dirett lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u lill-POYC għas-sistemi tagħhom.<br><br>(b) Inbeda x-xogħol tekniku min-naħa tal-MITA fuq ir-rekwiżiti meħtieġa, fejn tkompla l-ittestjar min-naħa tal-utenti tad-dipartiment. Il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju. | | | Madwar 4,000 benefiċjarju | Implimentata |
| 45 | Introduzzjoni ta' sistema li tirrikonċilja b'mod awtomatiku l-ġbir ta' pagamenti żejda ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali li jistgħu jkunu saru b'riżultat ta' advance payments. | Saru laqgħat mal-istakeholders biex jiġu identifikati u maqbula r-rekwiżiti meħtieġa għall-introduzzjoni ta' din is-sistema li tirrikonċilja b'mod awtomatiku l-ġbir ta' pagamenti żejda. | Beda x-xogħol tekniku mill-MITA. Is-sistema ġiet introdotta u bdiet titħaddem. | | | Il-ħaddiema fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 46 | Titjib fis-sistems SABS:<br><br>(a) Ċertifikati tal-Mard - Jitneħħa l-obbligu li persuna tissottometti ċertifikat mediku ta' anqas minn erbat ijiem lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali.<br><br>(b) Pensjoni tal-Invalidità - Jitnieda proċess awtomatiku għad-deċiżjonijiet tal-Bord Mediku tal-Pensjoni tal-Invalidità.<br><br>(ċ) Ċertifikat Mediku ta' Kontinwazzjoni - Ser issir bidla biex il-validità taċ-ċertifikat mediku ta' kontinwazzjoni tkun ta' ġimagħtejn minflok ġimgħa kif inhi llum. Din is-sistema l-ġdida se tapplika għal kull ċertifikat mediku ta' kontinwazzjoni li jrid jiġi sottomess mill-benefiċjarju u mhux biss meta l-proċess ikun jinvolvi d-deċiżjoni ta' bord mediku. | (a) Saru laqgħat mal-Uffiċjal Mediku Ewlieni fil-Ministeru tas-Saħħa rigward it-twettiq ta' din il-miżura. Tfassal avviż lill-pubbliku kif ukoll ċirkulari interna u ġiet ikkomunikata mal-ħaddiema. B'hekk, il-miżura daħlet fis-seħħ.<br><br>(b) Saru laqgħat preparatorji mal-istakeholders kollha involuti sabiex jintlaħaq qbil dwar it-twettiq ta' din il-miżura.<br><br>(ċ) Saru laqgħat ma' dawk kollha involuti fit-twettiq ta' din il-miżura, fosthom mal-Uffiċjal Mediku Ewlieni fil-Ministeru għas-Saħħa. | (b) Tfassal rapport tekniku mill-MITA u bdiet l-implimentazzjoni tiegħu. Tlesta x-xogħol u beda l-ittestjar tas-sistema.<br><br>(ċ) Komplew il-laqgħat u ġew identifikati r-rekwiżiti meħtieġa. | (b) Tlesta l-ittestjar u s-sistema daħlet fis-seħħ.<br><br>(ċ) Komplew il-laqgħat fejn tfassal ir-rapport tar-rekwiżiti meħtieġa. | (ċ) Bdiet ħidma teknika min-naħa tal-MITA u beda l-ittestjar tas-sistema. | Madwar 30,000 ċertifikat mediku fis-sena | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 90 | Permezz ta' KPI għall-2018 jitwaqqaf one-stop-shop flimkien ma' servizz.gov fejn il-pubbliku jsib is-servizzi speċjalizzati ewlenin offruti mill-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali kollha taħt saqaf wieħed. | Ġie identifikat sit fil-Furjana minn fejn ser jibda jopera l-One-Stop-Shop, imsemmi Ċentru Servizz Familja taħt il-kappa ta' servizz.gov. Twaqqaf steering committee sabiex iħares l-implimentazzjoni ta' din il-miżura u bdiet ħidma fuq it-tfassil ta' service level agreements mal-entitajiet involuti. Saret ukoll l-applikazzjoni mal-Awtorità għall-Ippjanar għall-permessi meħtieġa fuq il-binja. | Beda xogħol ta' kostruzzjoni. Kompliet ħidma fuq it-tfassil ta' service level agreements kif ukoll aġġornar tal-katalgu ta' servizzi ma' servizz.gov. | Tlesta x-xogħol infrastrutturali fuq l-ewwel fażi tal-proġett. Tfassal pjan ta' taħriġ għall-aġenti tekniċi li se jkunu qed joffru s-servizzi. Sar l-ingaġġ tal-aġenti tekniċi u bdiet il-preparazzjoni biex jiġi installat l-apparat kollu konness mal-informatika. Beda t-taħriġ fl-entitajiet u d-dipartimenti rispettivi fi ħdan il-Ministeru. | Tlesta t-taħriġ u beda l-proċess biex jinħatar Site Manager biex jamministra l-one-stop-shop. Beda t-tfassil tal-Quality Service Charter u kompla għaddej xogħol relatat mal-binja. Iċ-Ċentru Servizz Familja ġie ppjanat li jinfetaħ b'mod uffiċjali fil-bidu tal-2019. | Il-pubbliku, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjoni vulnerabbli | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 91 | Permezz ta' KPI għall-2018 jiġi introdott il-kunċett ta' New Departmental Working Hours fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, ibbażat fuq il-ħtiġijiet tal-pubbliku bl-oġġettiv li uffiċini varji jibdew jiftħu b'sigħat estiżi nhar ta' Erbgħa filgħaxija u nhar ta' Sibt filgħodu. | Saru diskussjonijiet mal-People & Standards Division fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar it-tħaddim ta' din l-iskema u ġew ippubblikati linji gwida għall-ħaddiema kollha fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali f'dan ir-rigward. Fetħu l-applikazzjonijiet għal dawk interessati u bdiet l-evalwazzjoni fuq sbatax-il applikazzjoni. | Ġiet introdotta l-iskema l-ġdida b'ħinijiet estiżi filgħodu kif ukoll waranofsinhar fis-sajf. Bdew laqgħat preparatorji mal-ħaddiema fl-uffiċini distrettwali fejn intlaħaq qbil fuq estensjoni tas-servizz kull nhar ta' Sibt filgħodu f'sitt fergħat. Is-servizz estiż ġie varat fil-bidu ta' Mejju. | | | Il-pubbliku kif ukoll 17-il ħaddiem fl-Uffiċċju Ewlieni u madwar 60 ħaddiem fil-fergħat distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Implimentata |
| 58 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru - Reviżjoni ta' aktar formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. Eżerċizzju li se jkompli jwassal għall-qalba ta' numru ta' formoli f'eforms. | Kompla l-eżerċizzju intern flimkien mal-MITA u l-fornitur biex jiġu identifikati l-formoli li ser jinqalbu minn format PDF jew Word għal eform. Dan il-proċess wassal biex jiġu identifikati 30 formola ġdida biex jinqalbu din is-sena. | Bdiet ħidma fuq l-implimentazzjoni ta' numru ta' enhancements fis-sistema. Tlestew l-ewwel 11-il formola. | Kompliet il-ħidma fuq il-kumplament tal-formoli. Tlestew 7 formoli oħra. | Tlestew 6 formoli oħra u b'hekk din is-sena jinqalbu 24 formola f'eforms. Kompliet il-ħidma sabiex il-kumplament tal-formoli jinqalbu f'format eform. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 73 | Introduzzjoni ta' aktar servizzi aċċessibbli minn fuq il-mowbajl (mservices) permezz ta' żvilupp ta' apps u siti li huma kompatibbli ma' apparat elettroniku. Din is-sena ġie ppjanat l-iżvilupp ta':<br><br>1. Benefit Calculators & Services<br>2. Benefit Calculators & Services (phase 2)<br>3. Benefit Calculators & Services (phase 3)<br><br>Dawn is-siti/apps huma kollha aċċessibbli minn maltapps. | Bdiet ħidma dwar it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew identifikati s-siti biex jinqalbu f'format kompatibbli ma' apparat elettroniku kif ukoll inġabret informazzjoni relatata mal-iżvilupp tal-apps identifikati. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti flimkien mal-MITA dwar l-iżvilupp meħtieġ.<br><br>Tlestiet il-ħidma fuq l-ewwel żewġ fażijiet tal-mservice bl-isem Benefit Calculators & Services u tnedew fuq maltapps. | Kompliet il-ħidma fuq l-iżvilupp tat-tielet fażi tal-mservice identifikat. | Tlesta l-iżvilupp marbut mat-tielet fażi tal-mservice Benefit Calculators & Services u ġie mniedi fuq maltapps. | Il-pubbliku | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-2015 LI TWETTQU FL-2018

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2015 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA’ PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Sistema onlajn ta’ reġistrazzjoni tal-property transfer forms (inter vivos) | Ministeru għall-Finanzi | Din il-miżura ġiet implimentata f’Ġunju. | Nutara | Implimentata |
| | Introduzzjoni ta’ sistema elettronika ġdida għaż-żamma tal-attendenza tal-istaff fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali | Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali | Din il-miżura ġiet implimentata f’Lulju. | Impjegati fi ħdan il-Ministeru | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-2016 LI TWETTQU FL-2018

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2016 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 48 | Mobile app b'informazzjoni dwar l-aċċessibilità f'postijiet pubbliċi. Din l-app se tkun ta' benefiċċju għall-persuni bi problemi ta' mobilità u se tnaqqas l-iskariġġ li jinħoloq minħabba nuqqas ta' informazzjoni f'dan ir-rigward. | Uffiċċju tal-Prim Ministru (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar. | Madwar 40,000 persuna inkluż persuni b'diżabilità, anzjani u turisti li jżuru Malta | Implimentata |
| 151 | Il-każijiet ta' dixxiplina fil-preżent huma mqassma madwar l-entitajiet tas-saħħa. Id-data mhix ċentralizzata u dan qed jikkawża inkonsistenza u dewmien meta niġu biex niġbru l-informazzjoni. Għaldaqstant ser jitfassal database komuni għall-każijiet dixxiplinarji fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa biex titnaqqas il-burokrazija speċifikament ma' dawk relatati ma' rapporti ta' kull xahar u proċessi oħra amministrattivi. Jekk qabel l-informazzjoni kienet iddum madwar ġimgħa biex tinġabar mill-entitajiet kollha, issa tkun tista' tinġabar mill-ewwel. | Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Impjegati fi ħdan il-Ministeru | Implimentata |
| 29 | Simplifikazzjoni tal-formoli kollha tal-Ministeru. B'hekk il-formoli jkunu aktar sempliċi u jinftiehmu mill-pubbliku. | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju. | Madwar 300 persuna li jaħdmu fl-iskejjel privati tal-lingwi | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2016 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 73 | Sistema elettronika li tagħti aċċess għat-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan, mingħajr il-bżonn li persuna tintalab tikkonferma l-informazzjoni eżistenti jew tissottometti ritratt ġdid. | Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru. | Madwar 20,000 applikant | Implimentata |
| 162 | Introduzzjoni ta' mobile apps li jkopru servizzi relatati mal-indafa tal-pajjiż u informazzjoni marittima bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. | Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali | Il-parti tal-miżura li tikkonċerna l-marittimu ġiet implimentata f'April. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 110 | Ċentralizzazzjoni tal-istores tad-direttorat għall-proġetti u żvilupp. | Ministeru għal Għawdex | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Impjegati fi ħdan il-Ministeru | Implimentata |
| 117 | Simplifikazzjoni tal-formoli eforms kollha tal-Ministeru. B'hekk il-formoli jkunu aktar sempliċi u jinftiehmu mill-pubbliku. | Ministeru għal Għawdex | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Studenti u ħaddiema f'Għawdex li jistudjaw jew jaħdmu f'Malta | Implimentata |
| 46 | Jiżdiedu servizzi ġodda onlajn fil-My Services (SABS Public) fil-websajt tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) li jippermettu lill-utent bl-użu tal-e-ID jibdel l-indirizz, id-dettalji tal-kont bankarju u ħlasijiet lura ta' pagamenti żejda ta' benefiċċji u b'hekk ikun eliminat il-bżonn li l-klijent iżur l-uffiċini distrettwali biex javża bit-tibdil. | Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru. | Il-persuni li jagħmlu użu tal-e-ID | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-2017
# LI TWETTQU FL-2018

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2017 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 124 | Żvilupp ta' portal onlajn għall-operaturi fl-industrija tal-gaming. Dan se jiffaċilita l-konverżjoni tal-formoli kollha konnessi mal-liċenzjar f'eforms, biex l-operaturi jkunu jistgħu jaraw u jimmodifikaw l-informazzjoni personali tagħhom b'mod elettroniku. | Uffiċċju tal-Prim Ministru (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu. | Operaturi tal-gaming | Implimentata |
| 126 | Titnieda sistema ġdida ta' liċenzjar għall-operaturi tal-gaming. Operaturi f'dan il-qasam se jintalbu jiksbu liċenzja waħda (liċenzja B2C) jekk se jbigħu lill-konsumatur, jew liċenzja waħda oħra (liċenzja B2B) jekk se jbigħu servizzi lil operaturi oħra. Dan se jevita l-bżonn li jinkisbu erba' klassijiet ta' liċenzji differenti mill-istess operatur. | Uffiċċju tal-Prim Ministru (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu. | Operaturi tal-gaming | Implimentata |
| 160 | Introduzzjoni ta' sistema onlajn li tippermetti lis-Sezzjoni tal-Espatrijati (Expatriates) biex tipproċessa applikazzjonijiet tal-karti tar-residenza b'mod elettroniku. B'hekk persuna tkun tista' tressaq it-talba onlajn mingħajr il-bżonn li żżur id-dipartiment. | Uffiċċju tal-Prim Ministru (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu. | Persuni barranin li jgħixu f'Malta | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2017 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 135 | Introduzzjoni ta' sistema ta' Smart Cards għall-pazjenti li jbatu mill-kundizzjoni tas-Coeliac fejn minflok jinħareġ voucher monetarju jingħataw card. B'hekk jinqata' l-bżonn li persuna jkollha żżur il-kunsill lokali biex issarraf il-voucher kull xahar. Barra minn hekk, jonqos ix-xogħol ta' stampar, l-ispiża tal-karta għall-vouchers u d-deliveries għand il-kunsill. | Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru. | Madwar 1,500 pazjent u 'l fuq minn 70 operatur tal-ħwienet | Implimentata |
| 136 | Introduzzjoni fis-settur privat tas-sistema li tiffaċilita l-mod kif jinħarġu l-preskrizzjonijiet; minn sistema manwali għal waħda kompjuterizzata. B'hekk il-pazjent ser jinqeda aħjar u t-tabib jibda jkollu rekords tat-trattament mogħti lil dak il-pazjent li jkunu aġġornati regolarment. B'hekk it-tabib ser ikollu viżibilità real-time tal-kundizzjoni tal-pazjenti u l-ispiżjara ser ikunu jistgħu jaqraw aħjar ir-riċettta. Dan se jgħin ukoll fl-awditjar tar-riċetti u jitjieb il-proċess tal-forecasting tal-mediċini. | Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru. | Pazjenti u tobba fis-settur privat | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2017 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 148 | B'kollaborazzjoni mas-settur volontarju se tiġi faċilitata l-għajnuna mogħtija lill-pazjenti, speċjalment lill-anzjani li jeħtieġu servizz miċ-ċentri tas-saħħa. Dan jikkonsisti f'servizz ta' meet and greet biex tingħata għajnuna diretta lil kull min iżur iċ-ċentri tas-saħħa. | Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru. | Aktar minn 90,000 persuna | Implimentata |
| 68 | Isir Reġistru Nazzjonali ta' Privattivi onlajn minflok is-sistema manwali tal-lum. Il-klijenti ser ikunu jistgħu jaraw il-privattivi (patents) reġistrati jew fil-proċess. Din is-sistema ser tagħti faċilità lill-industrija, intrapriżi żgħar, imprendituri u kull min hu interessat biex jiċċekkjaw jekk privattiv (patent) huwiex disponibbli jew le. | Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Industrija, intrapriżi żgħar, imprendituri u kull min hu interessat jikseb privattiv (patent) | Implimentata |
| 69 | Tiġi introdotta sistema biex sottomissjonijiet u reġistrazzjoni għal privattivi (patents) isiru onlajn. Bħalissa klijenti jirreġistraw privattivi billi jmorru personalment id-Dipartiment tal-Kummerċ. Din is-sistema ser tkun qed tiffaċilita u tgħin lil min huwa interessat li jirreġistra patents onlajn. Is-servizz ser jingħata 24/7 u minn kullimkien. | Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Industrija, intrapriżi żgħar, imprenditui u kull min hu interessat jikseb privattiv (patent) | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2017 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 70 | Sal-lum klijenti jġeddu r-reġistrazzjoni tal-privattivi billi jmorru personalment id-Dipartiment tal-Kummerċ. Ser tiġi introdotta sistema ta' tiġdid tar-reġistrazzjoni tal-privattivi (patents) onlajn b'aċċess 24/7 u minn kullimkien. | Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Industrija, intrapriżi żgħar, imprenditui u kull min hu interessat li jġedded il-privattiv (patent) | Implimentata |
| 72 | Aċċess għas-sit ta' Malta Industrial Parks biex kull min għandu kirja mal-Malta Industrial Parks ikun jista' jikseb informazzjoni dwar il-kontijiet rispettivi tiegħu u jagħmel it-tranżazzjonijiet relatati onlajn. Is-sistema ser tilqa' wkoll ilmenti u suġġerimenti. Sal-lum din is-sistema hija waħda manwali. | Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Negozjanti li għandhom kirja industrijali mal-Malta Industrial Parks | Implimentata |
| 75 | Issir EU Document Management System elettronika ċentralizzata. Sal-lum l-ipproċessar ta' dossiers u noti oħrajn relatati mal-UE jsir permezz ta' emails. Is-sistema għandha tiffaċilita l-ipproċessar tax-xogħol kollu relatat mal-UE. | Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju. | Impjegati fi ħdan il-Policy Development & Programme Implementation Directorate u stakeholders oħrajn | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2017 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 77 | Introduzzjoni ta' Document Management System bl-għan li tittejjeb is-sistema preżenti ta' arkivju (P-Drive). Din is-sistema titħaddem permezz tal-Intranet u ser iżżid is-sigurtà u l-kontroll fuq id-dokumenti. Apparti dan, is-sistema se tkun aċċessibbli wkoll minn apparat elettroniku. | Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Impjegati fi ħdan il-Ministeru | Implimentata |
| 23 | L-applikazzjonijiet għax-"Xalata ta' Kitba" u l-programm NWAR tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu se jibdew isiru b'mod elettroniku minflok b'mod manwali biss. Il-ġenituri/kustodji ser isibuha iktar faċli biex japplikaw għal dawn l-attivitajiet/programmi. | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Madwar 30 parteċipant għal kull attività ta' Xalata ta' Kitba u madwar 400 applikant għall-programm NWAR. Fl-2018, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu organizzat 4,596 sessjoni ta' qari. | Implimentata |
| 49 | Isir żvilupp u titjib fis-sistema elettronika tal-Uffiċċju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji sabiex dan is-sit isir aktar interattiv u jippermetti ħidma aktar effettiva u effiċjenti mal-klijenti ta' dan l-uffiċċju. Dan għandu jwassal biex bosta servizzi li jingħataw minn dan l-uffiċċju jibdew jiġu proċessati onlajn minflok b'mod manwali. | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju. | L-organizzazzjonijiet volontarji kollha (madwar 1,500) | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2017 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | Sal-lum il-ġurnata, biex klijent jingħata servizz ġdid tal-ilma u l-elettriku, jeħtieġ japplika għand diversi entitajiet separati. Dan il-proċess se jiġi simplifikat billi tiġi introdotta formola waħda ta' applikazzjoni li ssir għand l-ARMS. | Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | Il-pubbliku u ażjendi kummerċjali | Implimentata |
| 55 | It-tiġdid annwali tal-liċenzja biex topera aġenzija tal-impjieg isir onlajn. | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | 'Il fuq minn 80 aġenzija u impjegati fi ħdan id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg | Implimentata |
| 56 | Isir titjib fis-sistema elettronika DIERS, li jiffaċilita l-ħidma tal-ispetturi tad-Dipartiment u jdaħħal aktar effiċjenza fil-kalkolu tal-użu tal-fuel waqt spezzjonijiet mill-inspectors tal-EIRA. Sal-lum dan il-proċess isir manwalment. | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju. | L-impjegati fi ħdan id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg | Implimentata |
| 57 | Issir id-diġitalizzazzjoni tal-proċess tat-Terminations Claim li permezz tagħha l-klijenti tad-dipartiment ikunu jistgħu jinqdew aktar malajr meta jiftħu claim mal-istess dipartiment meta dawn ikun intemmilhom l-impjieg. | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru. | L-impjegati fi ħdan id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg u l-klijenti kollha tagħhom | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2017 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 96 | Tiġi estiża s-sistema tal-kondotti onlajn għal talbiet li jsiru minn persuni li jinsabu barra minn Malta. Bħalissa, biex persuna li tkun barra minn Malta tinqeda, tkun trid jew tattendi personalment jew tagħti forma ta' prokura lil terzi persuni, apparti dokumenti oħra. | Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 66 | Jingħata aċċess onlajn għad-deċiżjonijiet li jingħataw mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi. B'hekk ikun hemm aktar viżibilità tas-sentenzi mogħtija mit-Tribunal. Preżentement wieħed ma jistax jikseb dawn is-sentenzi sakemm il-persuna ma tkunx fiżikament preżenti għas-seduta l-MCCAA. | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 119 | Tiġi żviluppata l-infrastruttura neċessarja sabiex il-Kontijiet tar-Reġistru li jiġu intaxxati fl-aħħar ta' kull kawża jkunu jistgħu jitħallsu onlajn mingħajr il-bżonn li persuna jkollha tmur il-Qorti biex tagħmel dan il-ħlas. | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Dawk kollha li jkollhom kawża ċivili | Implimentata |
| 157 | Simplifikazzjoni fil-mod kif jinżammu files tal-Qorti, minn sistema manwali għal waħda elettronika. | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Klijenti u impjegati tal-Qorti | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2017 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 163 | Introduzzjoni ta' reġistru onlajn li permezz tiegħu l-professjonisti legali jkunu jistgħu jiċċekkjaw il-lista ta' persuni interdettati mingħajr il-ħtieġa li jiksbu din l-informazzjoni personalment mir-Reġistru tal-Qorti Ċivili. | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Madwar 1,000 operatur | Implimentata |
| 164 | L-appelli mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Għawdex) se jibdew ikunu jistgħu jiġu ppreżentati f'Malta. Dan se jelimina l-ħtieġa li avukati jkollhom imorru Għawdex biex jagħmlu dan fi żmien tnax-il ġurnata mid-data tas-sentenza. | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2017. | Persuni li jappellaw minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali | Implimentata |
| 196 | Titwaqqaf il-Qorti Kummerċjali | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Kumpaniji li jersqu lejn il-Qorti Kummerċjali | Implimentata |
| 102 | Eżenzjoni minn ċerti obbligi u kontrolli lil dawk il-bdiewa li jkabbru prodotti organiċi u li jkun fihom livell minimu ta' nitrati skont il-liġi applikabbli. Din l-eżenzjoni se tgħin lill-bdiewa fl-operat tagħhom. | Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Bdiewa li jipproduċu prodotti organiċi | Implimentata |
| 103 | Eżenzjoni minn ċerti obbligi għal raħħala li jrabbu inqas minn 20 nagħġa jew mogħża. Sal-lum, din l-eżenzjoni tapplika biss għal min għandu merħla ta' inqas minn 5 nagħġiet jew mogħżiet. Din l-eżenzjoni se tkompli tgħin fil-ħidma tar-raħħala. | Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Madwar 1,400 raħħal li għandhom merħla ta' bejn 5 u 20 nagħġa u/jew mogħża | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2017 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 104 | Bidwi li jkollu annimali li qed jitrabbew b'mod organiku se jibda jkun eżenti minn ċerti obbligi u kontrolli. | Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Raħħala | Implimentata |
| 113 | Simplifikazzjoni fil-mod kif issir ir-reġistrazzjoni ta' xerrejja li jagħmlu użu mis-servizzi tal-Pitkalija; minn sistema manwali għal waħda elettronika. B'hekk ix-xerrej jinqeda aħjar u f'inqas ħin. | Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Il-pubbliku, bejjiegħa tal-ħaxix, u pitkala | Implimentata |
| 34 | Simplifikazzjoni fil-mod kif titħallas il-liċenzja tal-bini. Sal-lum, bennejja jridu jmorru l-Cash Office f'Beltissebħ biex iħallsu l-liċenzja tal-bini. Permezz ta' din il-miżura, dan il-ħlas se jkun jista' jibda jsir b'mod elettroniku. | Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju. | Madwar 800 bennej | Implimentata |
| 93 | Nissimplifikaw il-proċess kif persuna tapplika għall-assistenza għal diżabilità u dan ikun jista' jibda jsir onlajn minflok manwalment kif isir sal-lum. | Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru. | Persuni li japplikaw għall-assistenza tad-diżabilità | Implimentata |

FSC
www.fsc.org
100%
From well-
managed forests
FSC® C140603

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU